NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 113 Jannar - Marzu 2024




## Karmenu Mallia

4 - 01 - 2023

**2022-23**

Ghadda l-Milied u waqa' s-skiet fil-pjazez.
Konna flimkien hawn, kullimkien, imfissda.
Presepju d-dar, sa daħħlu l-ħmar. Xi ħlewwa!
Qrati magħluqa; imħuħ mixquqa. X'jimporta?
Imma, ftit bogħod, kollox jirtogħod u kiesaħ.
Mal-ewwel jum, is-sena tqum storduta.
Niket jew ferħ? Ħidma jew serħ? X'taħwida!
Russja u Ukrajna, Gulija jmajna taħt David.
Poeti, qumu u qatt mhuma mistura
quddiem il-ħażna bla xejn imrażżna tas-Slaten.
Ghalkemm imnikket, il-lejl isikket il-kwiekeb.
Ix-xemx għad tħabbar, tgħanni u ssabbar il-ħlejjaq.
U l-ilħna jferrħu, lil qalbna jserrħu għatxana.
X'jonqos, Mulej? Tgħarrfilna x'ġej, għall-inqas!
Epifanija! Mija fil-mija? Excelsior!



# Premju Anzjanità Attiva 2023

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT:

***"L-età m'għandhiex tkun ta' xkiel biex persuna tkompli tinvolvi ruħha u jkollha rwol ċiviku fil-komunità" – il-President ta' Malta***

Il-President ta' Malta George Vella qal li persuni kbar fl-età għandhom jingħataw kull spazju u fakultà li jkomplu jużaw l-għarfien u l-abbiltajiet tagħhom għall-ġid tagħhom u tal-komunità. "Dawn l-għerf u l-esperjenza ma jistgħux jintilfu. Mhumiex xi ħaġa antika jew żejda, iżda bżonn f'kull soċjetà moderna kemm hi moderna. Kulħadd ghandu sehem x'jagħti f'dan il-proċess," stqarr il-President waqt is-serata 'Premju Anzjanità Attiva', li din is-sena ntrebaħ minn Patri Marcellino Micallef.

Il-President qal li l-età m'għandhiex tkun ta' xkiel biex persuna tkompli tinvolvi ruħha u jkollha rwol ċiviku fil-komunità. Innota li entitajiet bħall-Kunsilli Lokali, entitajiet governattivi u għaqdiet mhux governattivi jistgħu joffru opportunitajiet varji biex iheġġu lill-anzjani jitgħallmu u jaqsmu l-għarfien, esperjenza fid-dinja tax-xogħol, tradizzjonijiet, valuri u ħafna iktar bejniethom u ma' ġenerazzjonijiet oħra.

Din tal-lum, qal il-President, hija ċelebrazzjoni ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni fis-settur tal-anzjanità attiva. Fid-diskors tiegħu, il-President laqa' bis-sħiħ il-ħsieb ta' dan l-avveniment annwali ddedikat għall-anzjani li juri biċ-ċar l-apprezzament lejn min ta sehmu għas-soċjetà Maltija tul is-snin.

Il-President irrimarka li din is-sena f'din l-attività qed naraw elementi ġodda għax minbarra premjijiet għal persuni anzjani li baqgħu attivi, hemm ukoll kategoriji għal proġetti jew inizjattivi li setgħu twettqu minn individwi ta' kull età, entitajiet jew organizzazzjonijiet li permezz tal-proġett jew l-inizjattiva tagħhom iffaċilitaw anzjanità attiva. Semma fost oħrajn oqsma bħalma huma l-innovazzjoni, it-teknoloġija u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva Jo Etienne Abela rringrazzja lill-anzjani kollha għall-kontribut kbir li taw matul ħajjithom. Qal li dak li qegħdin ingawdu aħna llum ġie bil-ħidma ta' min ġie qabilna u l-isforzi tagħhom. Waqt li ddeskriva l-Premju Anzjanità Attiva bħala ċelebrazzjoni ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni f'dan is-settur, il-Ministru Abela stqarr li hu sabiħ li jibqa' jkun hemm numru sabiħ ta' parteċipanti għal dan il-premju.



Ir-rebbieħa huma:

**Premju Anzjanità Attiva** – Patri Marcellino Micallef
**Premju Innovazzjoni u Teknoloġija** – Proġett CLIVE
**Premju Anzjanità Sportiva** – Is-Sur Carmel Mizzi
**Premju Volontarjat fl-Anzjanità** – Is-Sur Joseph Vella
**Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali** – L-iskola primarja tax-Xewkija u l-Kunsill Lokali tax-Xewkija għall-Proġett Interġenerazzjonali dwar snajja'
**Premju Anzjanità Kulturali** – Is-Sur Charles Bellia









**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Waħda għalliema xtrat biżżejjed bżieżaq, kollha xorta u kollha tal-istess lewn, biex tkun tista' tqassamhom, waħda kull wieħed, lit-tfal kollha tal-klassi tagħha. Meta tathom il-bużżieqa, il-*miss* qaltilhom biex jonfħuha, jiktbu isimhom fuqha bil-*gem marker* u jitfgħuha mit-tieqa 'l barra għal ġol-bitħa tal-iskola. Meta kulħadd kien lest, il-*miss* tat lit-tfal ħames minuti żmien biex jinzlu fil-bitħa u kulħadd isib il-bużżieqa tiegħu. Minkejja ħafna ġiri 'l hawn u 'l hinn, flimkien ma' ħafna ċċaċċrar, il-ħames minuti għaddew imma, tista' tgħid, li kważi ħadd mit-tfal ma kien għadu sab il-bużżieqa tiegħu.

Imbagħad, l-għalliema qalet lit-tfal biex jieqfu jfittxu, jaqbdu l-ewwel bużżieqa li jsibu, jaraw l-isem miktub fuqha u jtuha lil ta' min hi. B'hekk, f'inqas minn żewġ minuti, it-tfal kollha kellhom il-bużżieqa tagħhom f'idejhom.

L-għalliema riedet tgħallem lit-tfal l-importanza li dejjem għandna naħdmu flimkien bħala *team*. Jekk kulħadd jaqdef għal rasu, x'aktarx li ma naslu mkien. It-tagħlima hawn hija li, meta nikkoperaw flimkien, ix-xogħol ikun eħfef u, iktar importanti minn hekk, l-iskop aħħari jintlaħaq u jintlaħaq iktar malajr u mingħajr tbatija żejda. Bħalma qal Steve Jobs f'waħda mit-tagħlimiet għall-ħajja qabel ħalla din id-dinja, jekk trid tgħaġġel, mur waħdek imma, jekk trid tasal, ħu lil xi ħadd ieħor miegħek.

L-għalliema għamlet iktar minn hekk ukoll għax, fl-aħħar tal-lezzjoni, lit-tfal qaltilhom li t-tfittxija għall-bżieżaq tixbah lit-tfittxija għall-kuntentizza u l-ferħ. Dawn qatt ma nsibuhom jekk kulħadd ikun mitluf ifittex il-ferħ u l-kuntentizza tiegħu stess. Imma, jekk jimpurtana wkoll mill-kuntentizza u l-ferħ tal-oħrajn, insibu tagħna wkoll. Bħalma spiss jingħad, ħafna drabi, iktar nieħdu sodisfazzjon meta nagħtu milli meta nirċievu, speċjalment, meta nagħtu lil min hu fil-bżonn u lil min hu inqas ixxurtjat minna.

Jalla lkoll nagħrfu ngħixu l-ħajja ta' solidarjetà u l-imħabba lejn il-proxxmu ħalli l-jiem tagħna kollha jkunu dejjem mimlijin bil-ferħ u l-kuntentizza li taf tagħti l-ħajja.

Naħseb li tgħidu li, kultant, naqa' wisq fis-serjetà. Infatti, ilna ma ngħidu xi ċajta u, la bdejna bil-bżieżaq, tajjeb li nispiċċaw bil-bżieżaq ukoll. Mela żewġt itfal daħlu f'ħanut tal-ħelu u, lill-ewwel wieħed, tal-ħanut staqsieh xi jrid u t-tifel qallu li jrid bużżieqa. Tal-ħanut xejn ma ħa gost għax ftakar li l-bżieżaq qegħdin ġo kaxxa fil-għoli u, biex iġibhom, ried jaqla' s-sellum minn wara l-bieb, jitilgħu, jiftaħ il-kaxxa, iġib bużżieqa, jerġa' jagħlaq il-kaxxa, jinżel u jpoġġi s-sellum lura f'postu. Imma, m'hemmx x'tagħmel; meta tkun bil-ħanut, trid tieħu paċenzja bil-parruċċani kollha; huma min huma. Allura, ġab is-sellum, tela', fetaħ il-kaxxa, ġab bużżieqa u, kif kien ser jinżel u kollox, lit-tifel l-ieħor qallu: "Għal li jista' jkun *boy*, int mhux bużżieqa trid ukoll, hux?" U t-tifel qallu li le. Allura, reġa' għalaq il-kaxxa, niżel, poġġa s-sellum f'postu wara l-bieb, ta l-bużżieqa lill-ewwel wieħed, ħa l-flus, tefagħhom fil-kexxun u, lit-tifel l-ieħor qallu: "mela xi trid, għid *boy*?" U dak qallu: "Tnejn bużżieqi!"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Baġit ’24: Pensjonijiet - X’hemm Ġdid ?

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA), nieda ġabra ta’ miżuri li tħabbru fid-diskors tal-Baġit u li bħal dejjem, sabiex nagħtu servizz lill-Anzjani u Pensjonanti Maltin u Għawdxin, ħaseb biex jiġbru b’format li jkun ta’ referenza ta’ malajr.

Il-KNA għamel sena sħiħa fi djalogu kostruttiv mall-Awtoritajiet konċernati inkluż il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Ma naqsux laqgħat li ħallew riżultati ta’ appoġġ mal-għaqdiet differenti, inklużi l-Unjins Maġġuri – GWU u l-UHM. Smajtu bla dubju, is-Seminar li l-KNA organizzat mal-pubbliku li mela bi ħġaru s-Sala Ewlenija fl-Istitut Kattoliku fil-Furjana, nhar is-27 ta’ Lulju li għadda fejn ġie mistieden il-Ministru l-Onor. Dr Michael Falzon, is-Segretarju tal-GWU is-Sur Josef Bugeja, u s-Segretarju Ġenerali tal-UHM is-Sur Josef Vella u l-Membri tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr Paula Mifsud Bonnici, u l-Onor. is-Sur David Agius.

Kienet okkażjoni ewlenija fejn il-Ministru Falzon irrikonoxxa il-famuża anomalija tas-62+ u d-diskriminazzjoni li din ġabet magħha. Fejn il-pensjonanti kienu maqsuma f’żewġ gruppi. Dawk li twiedu qabel is-62 u dawk li twieldu wara, bid-differenza tkun li tal-aħħar ikollhom pensjoni anqas.

Madanakollu dakinhar, l-Onor. Ministru wiegħed quddiem kulħadd li kien ser jindirizza din id-diskriminazzjoni fil Baġit ’24 li ġie pprezentat. Kif fil-fatt għamel u r-riżultat jidher hawn taħt.

Il-KNA kisbet dan ir-riżultat b’impenn sħiħ tal-Membri tal-Kunsill kollha sabiex il-pensjonanti jiġu mwieżna għal-ħajja aktar dinjituża.

Iżda il-Kunsill mhux ser jieqaf hawn. Ser ikompli jħabbrek biex bi dritt, itejjeb kundizzjonijiet soċjali inkluż dak fil-Kostituzzjoni ta’ Pajjiżna fejn l-Anzjan, jingħata r-rispett li jixraqlu.

Peter Paul Bonnici
President – KNA

# Emanuel Deguara – Pensjonijiet, Membru fuq il-Kunsill tal-KNA

Il-membru fil-KNA responsabbli mill Pensjonijiet ġabar dan is-sommarju tal-miżuri li l-iżjed li jistgħu jolqtu lilna l-anzjani u pensjonanti.

Qed niġbru dawn il-miżuri bil-mod konsekuttiv kif ġew ippreżentati quddiem il-Parlament Malti.

Kif tafu fit-30 ta’ Ottubru li għadda il-Ministru tal-Finanzi u x-xogħol, Dr Clyde Caruana ppreżenta il-baġit ghas-sena 2024.

1 Żieda izjed mill-COLA għall-pensjonanti: Għad-disa’ sena konsekuttiva qed terġa’ tingħata żieda oħra lil pensjonanti kollha fuq iż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

B’kollox, biż-żieda tal-għoli tal-ħajja inkluża, kull pensjonant tal-irtirar, ir-romol, dawk tal-invalidità u dawk li jieħdu l-pensjoni tal-età se jiżdiedu €15 fil-ġimgħa (€12.81 cola + €2.19 iżjed) jew €780 fis-sena.

Din hija l-akbar żieda li qatt ħadu l-pensjonanti f’sena waħda biż-żieda tal-għoli tal-ħajja b’kollox.

2 Mekkaniżmu li jiggarantixxi żidiet adegwati lill-pensjonanti fil-futur: Fl-2006, permezz tal-‘Pensions Strategic Group’ immexxi minn Mr David Spiteri Gingell kien qasam il-pensjonanti bejn dawk li twieldu qabel l-1962 u dawk li twieldu wara. Lil dawk li twieldu qabel kienu iggarantixxewlhom iż-żieda għall-għoli tal-ħajja biss. Lil dawk li twieldu wara l-1962 daħħlulhom mekkaniżmu fil-liġi sabiex kull sena jiżdiedu b’persentaġġ li 70% tiegħu huwa bbażat fuq iż-żieda fil-pagi u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni.

Ser titneħħa din id-diskriminazzjoni b’mod gradwali. Mis-sena d-dieħla, l-istess mekkaniżmu li diġà japplika għal dawk li twieldu fl-1962 jew wara, se jkun japplika wkoll għall-pensjonanti li twieldu qabel.

3 Dħul Pensjonabbli Massimu wieħed: L-istess ‘Pensions Working Group’ ta’ Gingell kien ukoll iddeċieda li l-Ogħla Dħul Pensjonabbli ta’ dawn il-persuni, li twieldu qabel 1962, illum huwa €6,407 fis-sena anqas minn ta’ dawk li twieldu wara.

Mis-sena d-dieħla, 2024 dawk il-pensjonanti li twieldu qabel l-1962 u li s-salarju kurrenti tagħhom li kieku għadhom

jaħdmu jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu, ser ikunu qed jirċievu żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom li tvarja skont is-salarju. Minn din il-miżura huma mistennija jibbenefikaw kważi 10,000 pensjonant.

4 Eżenzjonijiet mit-taxxa għall-pensjonanti:

Ser jerga' jkun hemm eżenzjonijiet mit-taxxa li japplikaw mill-età ta' 61 sena 'l quddiem għall-pensjonanti. Dan b'mod li jkunu inklużi fl-ammonti eżentati ż-żidiet kollha li qed inħabbar għall- pensjonanti. Barra minn hekk, mis-sena d-dieħla 'l quddiem il-Pensjoni tar-Romol mhux se tibqa' taxxabbli għal romol li jkunu għadhom ma għalqux il-61 sena.

5 Aġġustament ieħor fil-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja: Ser jitkompla wkoll il-proċess li nbeda fl-2022 sabiex tiġi indirizzata anomalija oħra li kienet inħolqot fl-2009. Din tikkonċerna l-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja li r-rata tiegħu tvarja skont meta l-pensjonanti jkunu bdew jieħdu l-pensjoni.

Bit-tkomplija tal-proċess li issa se jidħol fit-tielet sena tiegħu, dawk li bdew jieħdu l-pensjoni fl-2009 jew wara se jieħdu żieda addizzjonali fil-bonus tal-għoli tal-ħajja tagħhom sa massimu ta' ftit aktar minn €1.00 oħra fil-ġimgħa. B'kollox se jibbenefikaw mat-53,000 pensjonant minn dan it-titjib. Li kieku mhux qed tiġi indirizzata din l-anomalija, kieku l-bonus tal-għoli tal-ħajja ta' dawn il- persuni huwa saħansitra sa kważi €9 anqas fil-ġimgħa minħabba din l-anomalija.

6 Żieda addizzjonali fil-Pensjonijiet tar-Romol: Ser jitkompla wkoll il-proċess li nbeda fl-2022 li bih il-pensjonanti romol gradwalment se jibdew jirċievu l-pensjoni sħiħa li kieku kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom kieku għadhom ħajjin.

Mill-aġġustament tas-sena d-dieħla se jgawdu kważi 7,000 armla li se jaraw żieda addizzjonali fuq dik mogħtija lill-pensjonanti l-oħra.

7 Titjib għall-pensjonanti tas-servizz: Mill-ġdid il-pensjonanti tas-servizz se jaraw l-ammont tal-pensjoni tas-servizz tagħhom li ma jiġix ikkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jiżdied b'€200 oħra. B'hekk aktar pensjonanti tas-servizz se jkunu qed igawdu minn din il-miżura waqt li jgawdu wkoll mill-miżura li malli jagħlqu 72 sena l-ammont kollu kkommutat mill-pensjoni tas-servizz ma jibqax jiġi kkunsidrat. Barra minn hekk, pensjonanti tas-servizz li jkunu ġew boarded-out u ħarġu bil-pensjoni tas-servizz kmieni minħabba mard, se jibdew jaraw l-aġġustament imsemmi tal-parti tal-pensjoni kkommutata jsir wara 12-il sena minn meta jkunu bdew jieħdu l-pensjoni tas-servizz u mhux meta jagħlqu 72 sena. B'kollox minn dawn il-miżuri kollha se jibbenefikaw qrib 6,000 pensjonant tas-servizz.

8 Titjib għall-pensjonanti tas-servizz li ma jaħdmux u m'għandhomx benefiċċji: Fl-aħħar ġimgħat ġew implimentati żewġ miżuri primarji li huma l-introduzzjoni ta' pensjoni tas-servizz lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati u tisħiħ fil-pensjoni ta' servizz bi 23% u *allowance* b'saħħtu lil dawk li jagħżlu li jagħtu servizz lil hinn minn 29 sena. Ser tiddaħħal miżura ġdida għall-pensjonanti tas-servizz li jkunu għadhom ma laħqux l-età tal-irtirar, u li la jaħdmux u lanqas jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali. Dawn sal-lum ma jieħdu ebda żidiet tal-għoli tal-ħajja, filwaqt li dawk li jaħdmu jew jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali jieħdu l-COLA. Mis-sena d-dieħla 'l quddiem dawn il-persuni se jibdew jirċievu Bonus Addizzjonali għall-Għoli tal-Ħajja ekwivalenti għaż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja. Dan il-bonus jibqa' jakkumula kull sena biż-żieda tal-għoli tal-ħajja sakemm il-persuna jew tibda taħdem inkella tibda tieħu xi pensjoni jew benefiċċju tas-sigurtà soċjali. Fl-istess ħin xorta jibqa' jitħallas anke meta jiġri dan bir-rata kif tkun akkumulata sa dakinhar.

9 Titjib fl-inċentiv għal min jibqa' jaħdem minflok jieħu l-pensjoni: Fl-2016 kien daħal inċentiv għal min ikompli jaħdem flok jibda jieħu l-pensjoni ta' 61 sena. Dan l-inċentiv jibda minn żieda addizzjonali ta' 5% fuq il-pensjoni għal min jipposponi l-pensjoni tiegħu b'sena u jista' jitla' sa 23% għal min jipposponi l-pensjoni b'erba' snin. Dan l-inċentiv irnexxa tant li mill-2016 'l hawn, in-numru ta' dawk li jirtiraw kmieni, ċioè ta' 61 sena, niżel bin-nofs. Ser ikompli jitjieb dan l-inċentiv. Mill 2024 'il quddiem, kull min ikun jista' jieħu l-pensjoni tal-irtirar iżda jagħżel li jkompli jaħdem minflok, se jkun intitolat għal żieda ta' 6.5% (1.5% aktar minn bħalissa), min jipposponi b'sentejn ikun intitolat għal żieda ta' 13.5% (3% aktar minn bħalissa), min jipposponi bi tliet snin ikun intitolat għal żieda addizzjonali ta' 21% (4.5% iżjed minn bħalissa), u għal min jipposponi l-pensjoni b'erba' snin iż-żieda addizzjonali se tkun ta' 29%, jiġifieri 6% aktar mir-rata preżenti.

10 Dħul awtomatiku f'pensjoni privata: Il-Gvern jemmen li jekk jista' jkun kull ħaddiem ikollu l-opportunità sabiex jinvesti fi skema ta' pensjoni privata li meta jirtira tgħinu jissupplimenta d-dħul mill-pensjoni tal-istat. Bl-istess mod min iħaddem għandu jiffaċilita lil ħaddiema tiegħu f'dan ir-rigward. Fl-aħħar snin daħlu inċentivi fiskali kemm għall-ħaddiem u kemm għal min iħaddem sabiex l-ammonti li dawn jinvestu fi skemi ta' pensjoni

privata ma jkunux intaxxati.

Il-Gvern konxju li xi msieħba soċjali bdew diskussjoni fuq din il-materja u ser ikunu qed jigu mistiedna l-imsieħba soċjali biex issir konsultazzjoni wiesgħa ma' kulħadd matul is-sena li ġejja biex il-kunċett tat-tielet pilastru jilħaq aktar nies. L-għan huwa li naslu fi stat fejn kull ħaddiem jidħol awtomatikament fi skema ta' pensjoni privata għalkemm jibqa' jkollu l-għażla li joħroġ minnha b'mod volontarju.

11 Żieda fil-bonus lil min ma jikkwalifikax għall-pensjoni: Fl-2015 kien daħal il-bonus għal min ikun ħallas xi bolol iżda ma ħallasx biżżejjed biex jikkwalifika għall-pensjoni. Dan il-bonus baqa' jiżdied kważi kull sena u hekk se jerġa' jiġri s-sena d-dieħla. Fil-fatt fl-2024, il-bonus għal min ikun ħallas minn sena sa erba' snin bolol se jitla' minn Đ450 għal Đ500 waqt li ta' dawk li ħallsu minn ħames sa disa' snin bolol se jitla' minn Đ550 għal Đ600 fis-sena. Minn din il-miżura se jgawdu madwar 16,000 persuna.

12 Tisħiħ tal-mekkaniżmu addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja: L-isfida tal-għoli tal-ħajja hi waħda mill-ikbar għall-familji Maltin u Għawdxin.

Fil-Baġit li għadda kien tħabbar mekkaniżmu ġdid sabiex titħallas COLA addizzjonali lill-eluf ta' familji biex jigu megħjuna jilħqu mal-għoli fil-prezzijiet. Din is-sena l-eliġibilità ta' dan il-mekkaniżmu ser tigi estiża ħalli jilħaq aktar familji. Grazzi għal dan it-tibdil, maqbul wara diskussjonijiet mal-unjins u għaqdiet oħra relevanti (anke il-KNA hadet sehem f'dawn id-diskussjonijiet), fil-fatt in-numru ta' familji eliġibbli kważi ser jirdoppja għal 95,000 familja.

Il-prinċipju se jibqa' li l-benefiċċju jingħata lil dawk li jkollhom dħul aġġustat għan-numru ta' membri fil-familja tagħhom li ma jaqbiżx id-Dħul Medjan Nazzjonali.

Dan il-benefiċċju se jkun ta' bejn €100 u €1,500 fis-sena, liema rati jvarjaw skont id-dħul u l-membri fil-familja. Il-pagament ta' din l-għajnuna se jibda jinqasam f'darbtejn, bl-ewwel pagament se jsir f'Diċembru u bit-tieni pagament isir f'Mejju. Din l-għajnuna kontra l-għoli tal-ħajja se tkun qed taqbeż is-€26 miljun is-sena d-dieħla.

13 Sal-lum ġenituri li jkunu bdew jaħdmu u li jinterrompu l-karriera biex jibnu familja jibbenefikaw minn krediti fil-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal kull wieħed mill-ewwel tlett itfal li jkunu rabbew. Mis-sena d-dieħla dan il-benefiċċju ser jitwessa' sabiex ġenituri li l-ewwel bnew familja u mbagħad daħlu fid-dinja tax-xogħol, ser ikunu wkoll intitolati għal dawn il-krediti tat-trobbija minħabba li sal-lum mhumiex.

14 Żieda fl-Għotja lill-Anzjani: Ser terġa' togħla l-Għotja li tingħata lill-anzjani li jkunu għadhom jgħixu f'darhom jew f'xi dar tal-anzjani li għaliha jħallsu totalment minn buthom. Fil-fatt l-Għotja għal dawk li għalqu t-80 sena se togħla b'€50 għal €450 fis-sena. Dawk li għalqu l-75 sena iżda mhux it-80 sena jibqgħu jirċievu €300 fis-sena. Mill-ħlas shiħ ta' din l-għotja se jgawdu 48,000 anzjan b'nefqa totali ta' €16-il miljun għas-sena d-dieħla.

15 Żieda fl-iskema *Carer at Home*: Ser ikun hemm żieda fl-iskema *Carer at Home*. Minn Jannar 2024, dan se jiżdied b'€1,000 oħra għal €8,000 fis-sena.

16 Żieda fl-*Allowances* għal *Carers*: L-*Allowance* Miżjuda għal *Carer* u l-*Allowance* għal *Carer* ukoll se jkunu qed jiżdiedu bil-COLA shiħa, ċioè €12.81 fil-ġimgħa. B'hekk l-*Allowance* Miżjuda għal *Carer* se titla' għal €173.78 fil-ġimgħa waqt li l-*Allowance* għal *Carer* se titla' għal €120.68 fil-ġimgħa.

17 Djar tal-Anzjani: Il-Gvern hu impenjat li matul l-2024, jibda l-proġetti tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla li fl-aħħar ġimgħat ħareġ l-*outline permit* tiegħu u jkompli x-xogħol fuq id-dar tal-Imsida, filwaqt li jitlestew ix-xogħlijiet u ftuħ ta' klinika multidixxiplinarja ġdida fid-Dar tal-Anzjani tal-Furjana. F'Marzu, f'Għajnsielem Għawdex se tibda topera Dar San Ġużepp li se tkun waħda tal-ogħla *standards* u aċċessibbli u se tikkonsisti f›żoni mdaqqsa ta› spazji soċjali u spazji ħodor fuq barra. Matul l-2024, ser tidħol ukoll fis-seħħ il-Liġi biex titwaqqaf l-Awtorità tal-I*standards* għall-Persuni Anzjani.

18 Residenza San Vinċenz: Il-Gvern se jkompli jinvesti fir-Residenza San Vinċenz fejn ser jinqalgħu mill-qiegħ il-*Wards* ta' *St. Francis* 1 u 2 li huma l-aħħar żewġ *wards* tan-nisa li għadhom ma ġewx modernizzati, b'nefqa ta' €1.6 miljun. Sejjer jitlesta t-tieni sular tal-blokka tal-Farmaċija u ser jinxtara aktar apparat mediku biex ikun hemm aktar kura ta' kwalità. Ser jinfethu aktar kliniċi li qed iservu lir-Residenti ta' San Vinċenz kif ukoll dawk li jgħixu fil-komunità. Barra minn hekk ser jinfetaħ *Therapeutic Petting Farm and Recreation Centre* b'nefqa ta' €700 elf.

19 Konċessjoni favur benefiċjarji tal-Assistenza għal Mard: Fil-baġit tal-2022, daħlet miżura ġdida favur dawk li jkunu wirtu wara li bdew jieħdu l-pensjoni tal-età mhux kontributorja.

F'dawk il-każi fejn persuna tkun ilha tirċievi l-pensjoni għal min tal-anqas ħames snin, il-limitu tal-kapital fit-test tal-mezzi jitla' sa €50,000 għall-miżżewġin u €30,000 għall-persuni waħidhom, jekk l-eċċess ikun ġej unikament minn wirt. Kien iddaħħal ukoll titjib li jirrigwarda donazzjonijiet lit-tfal. F'ġieħ il-ġustizzja soċjali, din il-konċessjoni issa ser tibda tapplika għal dawk il-persuni li jkunu qed jirċievu l-Assistenza għal Mard ukoll.

20 Kumpens lill-vittmi tat-*Thalidomide*: Din il-miżura tolqot xi anzjani jew persuni li llum huma fil-ħamsinijiet tagħhom li twieldu fis-sittinijiet u sebgħinijiet u li il-mama tagħhom kienet tuża il-pilloli *Thalidomide* waqt it-tqala tagħhom. Ser jingħata kumpens ta' €3 miljun *ex-gratia* lill-vittmi ħajjin li soffrew diżabbiltà permanenti riżultat tal-mediċina *Thalidomide*.

21 Wara li din is-sena daħlet miżura biex jingħataw sentejn krediti ta' bolol lil kull min ma jkunx ħadem minħabba problemi ta' saħħa mentali għal xi perjodu bejn l-età ta' 18 u 30 sena, ser tiddaħħal miżura oħra li biha ser tingħata l-opportunità lil persuni li jbatu minn xi kundizzjoni mentali severa li jikkwalifikaw għal pensjoni tal-invalidità jekk l-applikant ikollu mill-anqas 50 kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tul ħajtu.

22 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għall-pensjonanti attivi: Fil-Baġit għall-2022, kienet daħlet miżura li biha f'temp ta' 5 snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa. Dan biex jiġi inkoraġġit li il-pensjonanti jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar. Fis-sena 2024 l-ammont li ser jiġi injorat għal fini ta' taxxa ser jerġa' jiżdied b'20% għal 60%. B'dan il-mod, pensjonanti li jkollhom dħul addizzjonali fuq il-pensjoni jgawdu minn tnaqqis akbar fit-taxxa.

Din il-miżura ser tkun qed tfisser li madwar 17,000 pensjonant li jaħdmu ser jaraw żieda totali ta' €27 miljun fid-dħul tagħhom.

Il-KNA qeda tkun konxja ta' dawn il-miżuri li jolqtu direttament lil anzjani u pensjonanti ta' Malta u Għawdex, tirringrazzja lil korpi li stednuha għal diskussjonijiet biex diversi minn dawn il-miżuri ġew fis-seħħ, fil-waqt li nibqgħu miftuħa biex naqsmu l-ideat tagħna biex 'il quddiem ikun hemm iżjed miżuri ta' ġid għal anzjani kollha.

**Il-KNA lest li jkun ta' Servizz għalik u jagħtik ir-risposti għad-diffikultajiet tagħkom. Billi tikkuntatjaw fuq imejl; maltakna@gmail.com**

Emanuel Deguara
Membru fuq l-Pensjonijiet
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA)

# Miskin il-bniedem!

**Ta' Vincent Piccinino**



Kuljum, kull ħin, nistaqsi l-mistoqsija,
xi jkun dat-taħwid kbir li f'moħħi qam?
Għaliex bilfors ikolli ngħix fil-għama?
Għaliex, Mulej, tħallini f'dan id-dlam?
Għaliex mistur l-iskop tal-ħajja tagħna?
Għaliex ma turiniex xi tkun ir-ruħ?
Għaliex ma tgħarrafniex x'inhu l-ħsieb tiegħek,
flok nibqgħu negħrqu f'dan il-wied ta' dmugħ?
Nittanta nsib it-tarf ta' dal-misteru;
nipprova nħoll il-kobba ta' min jien.
X'jien nagħmel hawn, f'dan l-univers bla fini;
f'dal baħħ iddominat minn spazju u żmien?
Miskin il-bniedem minn twemminu mjassar;
miskin il-bniedem vittma tal-ġibdiet;
miskin, mifxul, mikdud mid-dubbji, 'mbeżża';
miskin għax skjav tal-emozzjonijiet!
Miskin il-bniedem, vittma tal-passjoni!
Miskin għax mifni jfittex il-pjaċir!
Miskin il-bniedem, mgħakkes mit-tensjoni
u miskin jien għax tiegħi stess ilsir!

# L-anzjani, forza li għandna ngħinuha u nutilizzawha

***Kitba ta' Joe C. Cordina***



Illum, kulħadd jitkellem fuq l-anzjanità attiva. Permezz ta' Ministeru li twaqqaf apposta, il-gvern ħoloq għadd ta' inizzjattivi biex, kemm jista' jkun, l-anzjani jibqgħu jgħixu ħajja attiva. Fl-istess ħin, anki s-settur privat qed jieħu diversi inizzjattivi fl-istess direzzjoni. Eżempji ta' dan huma d-djar għall-anzjani li għandna u li huma attrezzati sew b'mod modern biex jaqdu l-esiġenzi ta' dawk li jifilħu jħallsu għas-servizzi li joffru. Fl-istess waqt, il-gvern għamel xogħol estensiv ta' rinovament ġewwa San Vinċenz de Paule fejn inbnew swali ġodda filwaqt li sar xogħol ta' tisbiħ u titjib fi swali oħrajn, kemm f'dak li hu bini kif ukoll fl-attrezzamenti moderni li hemm fihom. Barra minn hekk, il-gvern jikri wkoll għadd ta' sodod mingħand il-privat.

Lanqas il-privat ma baqa' lura fil-ħolqien ta' djar għall-anzjani. Il-biċċa l-kbira minn dawn id-djar huma f'kategorija għalihom u huma attrezzati sew biex jikkejterjaw għar-residenti li jgħixu fihom. Imbagħad, hemm kategorija oħra li wkoll qabdet sew; dik ta' ċerti djar għall-anzjani li qed jieħdu xejra ta' dar li toffri ċerti kumditajiet iktar minn oħrajn u li jilħqu livell ta' lukanda lussuża bid-differenza li, l-attrezzamenti ta' djar bħal dawn, huma ntiżi biex joffru l-aqwa kumdità, rilassament u anki divertiment lir-residenti anzjani li jaffordjaw iħallsu għalihom. Dawn ukoll qed jagħtu kontribut siewi biex l-anzjani jkomplu jgħixu ħajja aħjar.

Ħu x'inhu, il-ħajja tal-anzjani, illum, hija waħda li tgħin biex huma jgħixu ħajja iktar attiva milli sedentarja. Naturalment, minħabba li huma aktar affordabbli, l-inizzjattivi li jieħu l-gvern f'dan is-settur huma iktar popolari mal-anzjani b'mod ġenerali. Bħala eżempji, nista' nsemmi l-*meals on wheels*, li kienet introdotta snin ilu u li għadha għaddejja sal-lum, u li, permezz tagħha, l-anzjani jistgħu japplikaw u jingħataw ikel li jitwassal fi djarhom. Hemm ukoll is-servizz tal-*home help*, li wkoll kien introdott żmien ilu u għadu għaddej tajjeb u li, bis-saħħa tiegħu, l-anzjani jkollhom servizz ta' *cleaners* li jiġu jnaddfulhom id-dar, imorru jaqduhom u anki jsajrulhom skont il-ħtieġa. Jeżisti wkoll servizz ta' *handyman*, fejn persuni tas-sena jagħmlu xogħol ħafif ta' manutenzjoni li jinqala' ta' kuljum. Ma' dawn, hemm ukoll lista sħiħa ta' inizzjattivi prattiċi li l-anzjani jistgħu jiġu bżonnhom biex, kemm jista' jkun, jgħixu ħajja attiva u indipendenti fi djarhom stess. Quddiem nett, hemm l-iskema ta' *carers* li jgħixu fid-dar mal-anzjani u, fit-teorija, jaqduhom f'dak kollu li jkollhom bżonn. Barra minn hekk, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Djar, ġie mniedi servizz ta' installazzjoni ta' *chairlift* kif ukoll ċertu tibdil meħtieġ f'kamra tal-banju biex tkun iktar addattata għall-ħtiġijiet speċjali tal-anzjani.

Flimkien ma' dawn, hemm servizzi oħrajn bħal, pereżempju, servizz ta' *night shelter, respite homes*, servizz ta' trasport pubbliku b'xejn, *social work*, servizz ta' *telecare*, roħs fil-kera tat-telefon u skontijiet oħrajn għall-anzjani. Barra minn dawn, hemm inizzjattivi oħrajn provduti mill-gvern f'dik li għandha x'taqsam is-saħħa tal-anzjani, bħalma huma s-servizz ta' konsulent ġerjatriku, psikjatrija, servizz ta' psikoterapija, servizz ta' *occupational therapy*, fiżjoterapija, podjatrija, servizz ta' teħid tad-demm flimkien ma' servizzi oħrajn relatati anki, pereżempju, mad-dimensja.

Dan kollu żgur li hu ta' benefiċċju għall-anzjani u, suppost, mingħajr ħafna ssikkar u *red tape* żejjed, l-anzjani ta' ċerta età, jistgħu jingħataw l-opportunità li jgawdu minn dan kollu. Hawn, ta' min jagħmel parentesi u jisħaq li dawn l-inizjattivi li joffri l-gvern u li, wara kollox, huma ffinanzjati minn fondi pubbliċi, jixirqilhom ċerta attenzjoni biex, kemm jista' jkun, naċevolaw l-anzjani li jidħlu għalihom. Fil-fehma tiegħi, ma jistax ikun li tibqa' ssir għażla bejn anzjan u ieħor. Mhuwiex ġust li anzjani, li jkunu stinkaw biex ikollhom dar fejn joqogħdu u ma jkunu ta' piż fuq ħadd, li dejjem kienu bil-għaqal u mxew mar-regoli u ħallsu t-taxxi dovuti, isibu li ma jistgħux jagħmlu użu minn dawn l-inizjattivi sempliċiment għax m'għandhomx il-karta r-roża. Imbagħad, issib li, min ma mexxiex kif suppost, jaqa' fl-ewwel kategorija ta' benefiċċji soċjali u jiggwadanja minn dawn l-iskemi kollha. Naħseb li, hawnhekk, hawn xi ħaġa li l-awtoritajiet għandhom jagħtu kasha u jirrangawha ħalli, jekk hemm xi inġustizzja, tiġi indirizzata.

Biex nagħti eżempju u nkompli nsaħħaħ dak li qed ngħid, insemmi l-kwistjoni tac-*Chairlift*. Kulħadd jaf li, apparti ċertu mard relatat mal-anzjani, l-iktar ħaġa li, ġeneralment, ibatu minnha l-anzjani hija l-uġigħ fir-riġlejn li jimpedihom kemm fil-mixi kif ukoll biex jitilgħu it-taraġ. Jekk qed nimmiraw biex inżommu l-anzjani fi djarhom, mhux bilfors irridu ngħinuhom meta

nafu li ħafna mid-djar għandhom it-taraġ? X'hemm li jżommna milli nagħtu l-faċilità lill-anzjani kollha li jeħtieġu, u jridu, *chairlift* mingħajr ebda distinzjoni? U dan għandu jgħodd għal inizzjattivi oħrajn, bħal mhuma l-*full-time care worker* u t-tibdil fi kmamar tal-banju. X'diffikultà hemm biex nissussidjaw lill-anzjani kollha biex ikollhom *shower* minflok li jkollhom joqogħdu jaraw kif ser jagħmlu biex jgħollu saqajhom biex jidħlu fil-banju, bil-periklu li jaqgħu u jweġġgħu?

Biex l-anzjani jkunu tassew attivi, għandhom bżonn ukoll li jkunu mgħejjunin jagħtu kontribut fis-soċjetà. Hawn diversi anzjani li jħossuhom li għadhom jifilħu u li jistgħu jikkontribwixxu lis-soċjetà. Hawn min diġà qed jagħmel hekk mingħajr ħafna trombi. Hawn bosta nanniet li jgħinu fit-trobbija tan-neputijiet. Hemm oħrajn li qegħdin f'xi għaqda volontarja filantropika. Hemm ukoll min għadu jsegwi xi passatemp u anki ssibu membru fi *clubs* li, minn żmien għal żmien, itellgħu wirjiet interessanti u, permezz t'hekk, ikomplu jġeddu tradizzjonijiet ta' pajjiżna.

Għaldaqstant, huwa xieraq li l-awtoritajiet jgħinu anzjani bħal dawn biex mhux biss jibgħqu għaddejjin bil-ħidma tagħhom imma anki billi joħolqulhom opportunitajiet u, saħansitra, anki jagħmlu użu mit-talenti tagħhom ħalli jkomplu jagħtu l-kontribut tagħhom lis-soċjetà. Ngħid jien, għaliex dawn ma jiġux ingaġġati bħala *wardens* biex jieħdu ħsieb it-traffiku ħdejn skejjel, jew f'toroq traffikużi biex jgħinu n-nies jaqsmu, jew biex jissorveljaw *playing grounds*, pjazez u ġonna pubbliċi mill-vandali? Jistgħu anki jagħmluha ta' *security* jew kuraturi jew bħala gwidi f'mużewijiet. Xi wħud minnhom jistgħu anki jintbagħtu fi skejjel biex jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom.

Dawn li semmejt huma biss ftit ideat. Sta għall-awtoritajiet li jaraw x'użu jista' jsir mid-diversi talenti ta' ħafna anzjani. Però, li hu żgur hu li proġett bħal dan, flimkien mas-servizzi li semmejt iktar 'il fuq, ikunu ta' għajnuna biex iktar anzjani jħossuhom li qed jgħixu ħajja verament attiva.

---

# Jum fil-Ħajja ta' Ġanni l-Bidwi

***Kitba tas-Sinjura Rita Atanasio***

Ġanni l-bidwi kien raġel bieżel u ħawtiel. Mal-*Pater Noster*, jinżillek mill-għorfa għal ġo n-nitfa ta' kċina li kellu taħt it-taraġ mar-razzett. Imma, għalih, din kienet sombor. Jibda jkewwes l-istanjata ftit imxellfa li kellu fuq il-kenur u jimliha bil-kafè li kellu ħabta jħawru bl-imsiemer tal-qronfol u biċ-ċikwejra. Sa ma jibda jsir il-kafè, ma kienx jaħli żmien. Araħ imurlek sa ħdejn il-gallinari mimlijin bit-tiġieġ, sriedak u awwietaq flimkien ma' xi nofs tużżana fniek. Kien jiġbor il-bajd frisk minn taħt it-tiġieġ u jmur lura fil-kċina fejn kien jgħalli żewġ bajdiet li jkun għadu kif ġabar. Sadattant, il-kafè jkun diġà beda jfawwar u r-riħa tfuħ tiegħu tidħollok ġewwa qalbek. Imbagħad, Ġanni kien jixwi biċtejn ħobż fuq il-kenur u, wara li jkun teftef dak il-bukkun, iferra' skutella kafè.

Wara, Ġanni jerħilha għal xogħlu u, bħas-soltu, imur ġol-maqjel, ibiddel it-tiben tan-nagħaġ, jagħlef il-bqija tal-bhejjem, jimlielhom il-ħwat bl-ilma, jarma ż-żiemel u jerħilha lejn l-għalqa biex jaħratha. Hemm, isib ħafna x'jagħmel ukoll għax daqqa jsaqqi u daqqa jnaqqi l-ħaxix niexef jew ħażin, jiżra', ilaqqam, iħawwel u mitt elf ħaġ' oħra.

Nhar ta' Sibt, Ġanni kien jarmalek iż-żiemel bil-karrettun u jgħabbih b'kull xorta ta' frott u ħxejjex bħal bajtar tax-xewk, farkizzan, ħawħ, patata, basal, tadam u qarabagħli. Insomma, kellu l-barka t'Alla kollha! Sa gallinar bil-fniek u t-tiġieġ kien jgħabbi fuq il-karrettun. Imbagħad, jerħilha lejn is-suq li jarma fil-pjazza tar-raħal. Kien idaħħal kemxa mhux ħażin mill-bejgħ għax in-nies kienet tfittxu mhux biss għax kellu xogħol frisk u




ġenwin imma għax ma kienx iżomm idejh meta jiġi biex jiżen il-frott u l-ħaxix. Barra milli l-keffa tal-miżien kien inizzillha kalat, kien jitfgħalhom xi żewġ frottiet żejda wkoll. Ġanni kien raġel ta' qalb tajba; qalb li taf tħenn għall-proxxmu. Mhux l-ewwel darba li kien jimla qoffa bil-frott u l-ħaxix u kien joħodha l-kunvent tas-sorijiet ħalli jgħinhom kif jista'.

Meta jkun kważi biegħ kollox u l-karrettun ikun jiħfief, Ġanni kien jinġabar lura lejn ir-razzett. Hemm, kien jinħasel ġol-ħawt bl-ilma tal-bir, jistrieħ għal xi sagħtejn u, tard waranofsinhar, imur il-knisja, jgħid ir-Rużarju, jisma' l-quddiesa ta' filgħaxija u jibqa' hemm sa ma jagħti l-barka. Imbagħad, qabel jinġabar lura r-razzett, kien iħobb jgħaddi s'għand Bastjan tal-imbid, iteftef bukkun u jlaħlaħ b'xi boqqa jew tnejn ukoll u, wara, imur jorqod sa tbexbix il-għodwa.

U din hija l-ġurnata mimlija fil-ħajja ta' Ġanni l-bidwi.

# L-iStat ta' Pensjonant

*Miktuba minn Emanuel Deguara*



Iva sewwa qed taqraw, jien inħoss li meta wieħed jagħżel li jirtira u jibda jirċievi l-pensjoni ikun qed jagħżel stat ieħor fil-mixja ta' ħajtu. Meta persuna mill-età tat-tfulija tilħaq l-età tal-pubertà u ta' persuna adulta jkollha għażla x'tagħmel fil-ħajja, jew li tidħol fi stat matrimonjali, jew li tibqa' ġuvni jew xebba, jew li tagħzel l-istat divin billi ssir qassis, patri, jew soru tar-reliġjon li tkun temmen fiha.

Daqshekk inħoss li huwa importanti l-perjodu fil-ħajja ta' persuna meta mid-dinja tax-xogħol tagħżel li għal kumplament ta' ħajjitha tieħu l-istat ta' pensjonant. Iva, hija għażla individwali u esklussiva tal-persuna li tieħu stat ġdid fil-ħajja tagħha. Għażla biss tal-individwu, min jaġħżel li jibda jkun pensjonant biss u ma jaħdimx bi qliegħ, min jaġħżel li apparti li jkun pensjonant jibqa' xorta jaħdem bi qliegħ jew forsi min jagħżel li jkun pensjonant u jagħmel xogħol volontarju għall-ġid ta' dawk ta' madwaru, hawn ħafna, ukoll, li jagħżlu li jkunu pensjonanti u student billi jibdew jistudjaw fit-tielet età.

Li hu zgur, imma, hija dik li kulħadd ikun jixtieq li jkollu ħlas ta' pensjoni tajjeb ħalli fl-aħħar stat ta' ħajtu jkun jista' jgħix fi kwalità ta' ħajja kemm jista' jkun komda.

Meta jkun għadek zagħzugħ/għa, u tibda taħdem għall-ewwel darba, il-ħsieb tiegħek ikun li tirsisti ħalli meta tilħaq l-età jkollok pensjoni tajba, tibda dejjem tieħu kull opportunità biex ittejjeb il-paga li jkollok, permezz ta' avvanz fil-karriera tiegħek, għax inti taf li iżjed ma jkollok paga iżjed jista jkollok pensjoni aħjar, ħalli meta tirtira tgħix ħajja diċenti u tgawdi dak li tkun ġemmajt flimkien mal-pensjoni li tibda tirċievi kull xahar.

Jiġri imma, li meta tikber u toqrob l-età tal-pensjoni tibda tidħollok ċerta biża', bil-ħsieb ta' jekk il-pensjoni hux ser isservik biex tibqa' tgħix l-istess kwalità ta' ħajja bħal meta kont taħdem. U hawn jidħol l-importanza tal-istat il-ġdid li ser tagħżel. Tagħżel liema stat tagħżel huwa importanti li bħala pensjonant issib xi ħaġa kif timmaniġġja l-ħin billi jew taħdem jew jekk tagħżel li ma taħdimx ikollok xi delizzju li bih tista tqassam il-ġurnata tiegħek. Din hija ir-realtà li jgħaddu minnha il-maġġor parti tal-pensjonanti. Huma ħafna dawk il-pensjonanti li jibqgħu jaħdmu meta jirċievu l-pensjoni ħalli jassiguraw li ma jnaqqsux il-kwalità tal-ħajja ta' meta kienu fid-dinja tax-xogħol. Imsieken dawk il-pensjonanti illi jkunu jixtiequ li jibqgħu jaħdmu imma l-*employer* taghhom ma jħaddimhomx għaliex laħqu l-età tal-pensjoni, iħossuhom verament imwarrba mis-soċjetà u l-biża' li ma jkollhomx finanzi biex jgħixu ħajja diċenti tant tikber fihom. Huma ħafna dawk li meta jieqfu jaħdmu, jibdew jgħamlu manutenzjoni fid-dar tagħhom huma stess, li hija ħaġa tajba għax fil-waqt li l-anzjan jiffranka mill-ispejjeż ikollu is-sodisfazzjon tax-xogħol li jagħmel, importanti li ma tippruvax tagħmel xogħol li ma għandekx esperjenza tiegħu għaliex huwa importanti li wieħed jibża''għal saħħtu.

Mela jidher ċar li din ir-realtà, li forsi ma hix daqshekk magħrufa, it-trasformazzjoni mid-dinja tax-xogħol għal ħajja ta' pensjonant, jista'jkun li mhux kull anzjan jaċċettaha b'mod seren, u l-biża' tiegħu tkun tant akbar. Din hija realtà li hemm bżonn tiġi mistħarrġa fil-profond mil-lat soċjali, psikologiku u finanzjarju.

Huwa għalhekk ħafna importanti li il-pensjonijiet ikunu diċenti tali, li persuna tkun tista' tkompli tgħix l-istess kwalità ta' ħajja daqs meta kienet fid-dinja tax-xogħol, u dan is-serħan finanzjarju biss jista' jgħin biex it-trasformazzjoni tkun bla skossi u ħsibijiet peżanti.

Kien fis-sena 1979 li l-Gvern kien introduċa ħlas ta' pensjoni ta' żewġ terzi tal-paga għal kulħadd u din kienet miżura li żgur kienet tat serħan il-moħħ tal-anzjan. Għadda ż-żmien u l-liġi ta' żewġ terzi ftit li xejn kien hemm tibdil fiha għaliex għal ħafna żmien kienet ħafna vijabbli. Meta waslet il-qalba tal-millenju wara s-sena elfejn beda jinħoloq id-dibattitu dwar sostenibilità dwar il-pensjonijiet, u fis-sena 2006 ghaddiet emenda fil-liġi tal-pensjoni, Kapitlu 318 dwar Is-Sigurtà Soċjali, u daħlet l-hekk imsejħa riforma.

Ir-riforma dwar sostenibilità tal-pensjonijiet għall-futur tas-sena 2006 kellha l-għan li tindirizza l-adegwatezza tal-pensjonijiet. Imma dan qed iseħħ? Għandi d-dubbji

tiegħi, għaliex huwa fatt li din ir-riforma ħadet ħsieb biex ittejjeb biss il-pensjoni ta' dawk li twieldu fis-sena 1962 u wara. Iżda dawk li twieldu qabel is-sena 1962 ser jibqgħu bl-istess rati ta' pensjoni, ħlief għal dawk li għandhom il-pensjoni minima nazzjonali li qed ikollhom l-istess rata twieldu meta twieldu. Fir-riforma tal-2006 ġie deċiż li dawk li twieldu wara s-sena 1962 setgħu jħallsu kontribuzzjoni tas-sigurt soċjali fuq paga bażika ta' 25,986 ewro flok fuq paga ta' 19,707 ewro, li jfisser li setgħu jinvestu iżjed fil-pensjoni taghhom u jgawdu minn pensjoni biż-żieda ta' 322 ewro kull erba' ġimgħat. Pensjojanti romol li zwieġhom/marthom twieldu wara s-sena 1962 diġà qed igawdu minn żieda ta' 268 ewro kull erba' gimgħat meta mqabbla ma dawk li twieldu sas-sena 1961. Mela, permezz ta' din ir-riforma, fil-waqt li sezzjoni ta' ħaddiema ngħataw l-opportunità li jinvestu iżjed fil-pensjoni kontributorja, l-istess opportunità ma ngħatatx lil dawk li twieldu sas-sena 1961. Inħolqot anomalija li qed tiddiskrimina bejn il-pensjonanti skont l-età li twieldu fiha, u din l-anomalija għandha bżonn tiġi indirizzata kemm jista' jkun malajr qabel il-ġerħa tikber u ttellef il-fiduċja fis-sistema tal-pensjonijiet flok iżżid l-adekwatezza. Il-kostituzzjoni tar-Repubblika tassigura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni ħabba twemmin, reliġjon, sess, jew kulur, għaldaqstant ma għandux jiġi aċċettat li jkun hawn diskriminazzjoni skont is-sena li twelidt fiha fejn jidħol ħlas ta' pensjoni, inkella ikun qed jinħoloq grupp ġdid ta' emarġinti.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, qed jaħdem qatiegħ flimkien mal-għaqdiet affiljati, biex din l-anomalija tiġi indirizzata, u l-effetti ħżiena fir-riforma mgħaġġla tas-sena 2006 tigi indirizzata kemm jista' jkun malajr.

Inħeġġeġ lil pensjonanti kollha biex isegwu xi jkun għaddej fil-pajjiz dwar pensjonijiet, u jgħaddi suġġerimenti u ideat lil-KNA ħalli flimkien niddiskutu u naħdmu biex intejbu il-pensjonijiet u nsibu anomaliji oħra u flimkien nirranġawhom għall-avvanz tal-pensjonanti tal-lum li jaqbżu d-90,000, u għal pensjonanti futuri.

# Laqgħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani f'Għawdex

Ta' kull sena, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jagħmel waħda mil-laqgħat tiegħu fil-gżira t'Għawdex. Kif ikun hemm, il-Kunsill jagħmel mezz li jkollu laqgħat mal-Ministru għal Għawdex, mal-Eċċellenza Tiegħu, l-Isqof t'Għawdex u ma' personalitajiet oħrajn.

Din is-sena, fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kunsill żamm dan l-appuntament u għamel il-laqgħa tiegħu fl-Uffiċċju tal-Onor. Dr Jo Etienne Abela, MP, Ministru tal-Anzjanitá Attiva. Il-Kunsill kellu wkoll appuntament għal laqgħa ta' Kortesija mal-Ministru għal Għawdex, L-Onor. Clint Camilleri, MP. Imma, fil-fatt, din kellha titħassar għax il-Ministru ma setax ikun preżenti minħabba impenji oħrajn. Barra minn hekk, il-Kunsill kellu wkoll laqgħa kordjali ġewwa l-Kurja mal-Eċċellenza Tiegħu, il-Mons. Anton Theuma, Isqof t'Għawdex.

Fost affarijiet oħrajn, f'din il-laqgħa, li kienet immexxija mill-President tal-Kunsill, is-Sur Peter Paul Bonnici, kienu diskussi l-problemi li jiltaqgħu magħhom l-anzjani, jiġifieri, il-ħtieġa ta' aktar *day-shelters*, ir-rwol attiv li fadlilhom l-anzjani fis-soċjetà, l-isfidi fit-trobbija tan-neputijiet, il-komunikazzjoni mal-ġenerazzjoni żagħżugħa kif ukoll it-trażmissjoni ta' valuri tajbin.







# Il-Malti f’dawn l-aħħar mitt sena (l-ewwel parti)

***Kitba riċerkata minn għejun differenti magħmula minn Anthony Cardona bi tħejjija għal konferenza li kienet saret il-Junior College għall-ħabta tas-sena 2008***

**Mill-istorja**

Hija ħaġa naturali li l-ilsien jitqies bħala għodda li taqdi s-soċjetà li tużah bħala mezz ta’ komunikazzjoni. Peress li, minħabba l-iżvilupp tal-bniedem, is-soċjetà tinbidel il-ħin kollu, anki l-ilsien jgħaddi minn tibdil kontinwu u dan it-tibdil iseħħ bil-mod il-mod kważi mingħajr ma nindunaw. Però, jekk immorru lura mal-mitt sena, insibu li l-Malti ta’ dak iż-żmien kien ferm differenti minn dak tal-lum. Dak iż-żmien, la kien jeżisti Malti *standard*, kif nafuh illum, la kien jeżisti l-element Ingliż fih u, x’aktarx, li l-Malti kien ġabra ta’ djaletti distinti u mifruxin mal-irħula ta’ Malta u Għawdex. Anki fejn jidħol il-Malti miktub, ma kienx hemm sett ta’ regoli ta’ ortografija waħda u, kull min kien jikteb xi ħaġa, jew kien jivvinta alfabet b’karattri strambi meħudin mis-Semitiku jew mill-Ebrajk, jew inkella kien jikkopja l-alfabet ta’ xi kittieb ieħor.

Fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin (bejn l-1920 u l-1934) qamet kontroversja lingwistika sħiħa, illum magħrufa bħala, ‘il-kwistjoni tal-lingwa’. Dak iż-żmien, Malta kienet kolonja Ingliża imma l-ilsien Taljan kien meqjus mill-klassi l-għolja tal-Maltin bħala ‘l-ilsien tal-kultura’ waqt li l-Malti tal-poplu kienu jħarsu lejh bħala ‘l-ilsien tal-kċina’, jiġifieri l-ilsien tan-nies injoranti u ta’ bla skola. Fil-Kostituzzjoni tal-1934, l-Ingliż ħa post it-Taljan biex, flimkien mal-Malti, saru ż-żewġ ilsna uffiċjali ta’ Malta. Illum, kulħadd jagħraf il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali u l-Malti u l-Ingliż bħala l-ilsna uffiċjali. Imma, dak iż-żmien, kien hemm min ried li l-Malti jibqa’ pur u ma jitħallatx ma’ lessiku ġdid ġej mill-Ingliż, bħalma kien diġà tħallat mat-Taljan. Anki qabel, fi żmien Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) ukoll kienet qamet din il-kontroversja u Vassalli nnifsu kien ikkundanna t-taħdit redikolu ta’ ċerti nies mill-Belt li kienu jitħaddtu b’Malti Taljanizzat.

Xi studjużi kienu jaħsbu li l-Malti seta’ jibqa’ jiżviluppa għal rasu billi joħloq u jnissel forom ġodda ta’ kliem minn għeruq Semitiċi qodma (bħal: *silencer*-sikkieta, friġġ-maksaħ u *airport*-mitjar). Imma, imbagħad, kien hemm oħrajn li raw li jkun aħjar jekk il-Malti jilqa’ ġo fih għadd dejjem jiżdied ta’ lessiku mill-Ingliż, bħalma kien ġara qabel mit-Taljan, għax, fl-iżvilupp tal-ilsien, irid ikun hemm konformità mal-iżvilupp soċjoekonomiku. Fil-fatt, hekk ġara u, illum, fid-dizzjunarju tal-Professur Ġużè Aquilina, insibu mal-2500 kelma li ġejjin mill-Ingliż li issa saru parti integrali minn ilsienna.

**Il-Malti jsir *standard***

Mal-mitt sena ilu, fl-ilsien mitħaddet u miktub f’Malta, bdew iseħħu żviluppi kbar li mhux biss influwenzaw l-iżvilupp tal-Malti imma wkoll l-istil tal-ħajja ta’ ħafna Maltin. Jekk nieħdu medda ta’ madwar erbgħin sena, bejn l-1921 u l-1964, insibu dawn il-bidliet li ġejjin:

**1921** - Il-Malti beda jintuża għall-ewwel darba fl-Assemblea Leġislattiva  
**1927** - Emendata l-Kostituzzjoni biex il-Malti seta’ jintuża fl-Atti Notarili  
**1934** - Il-Malti u l-Ingliż saru l-Ilsna Uffiċjali  
**1935** - Il-Malti sar obbligatorju fil-Matrikola u fl-eżamijiet maċ-Ċivil  
**1937** - **S**ar l-ewwel kors tal-B.A. fil-Malti fl-Università  
**1946** - Daħlet f’Malta l-edukazzjoni obbligatorja għal kulħadd  
**1947** - Il-Malti kien aċċettat fil-Qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern  
**1964** - Il-Malti distint bħala l-ilsien nazzjonali

Dawn l-iżviluppi, flimkien mal-iżvilupp letterarju bil-ħidma tal-poeti romantiċi, taw prestiġju enormi lill-Malti u żgur li kienu fatturi importanti ħafna biex il-Malti

jilħaq il-livell lingwistiku u letterarju li jixraqlu.

Fl-1929, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti talbet lill-Gvern Ingliż biex jagħraf l-ortografija tagħha. Fl-1 ta' Jannar 1934, il-Gvern Ingliż ħareġ avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jgħid li l-alfabet u l-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għandhom ikunu dawk uffiċjali u għandhom jingħataw għarfien bħala l-Ilsien Malti. B'hekk, il-Malti tal-Għaqda sar l-Ilsien tad-dokumenti uffiċjali tal-Gvern, tal-Qrati u ta' kulħadd. Sa fl-aħħar, il-Maltin kollha bdew jiktbu l-Malti bl-istess ortografija.

Fejn jidħol il-Malti mitħaddet, il-proċess ta' standardizzazzjoni seħħ gradwalment, l-aktar bil-filtrazzjoni lessikali, fonetika u intonazzjonali mill-varjetajiet djalettali tal-irħula, l-aktar bil-ħila ta' dawk in-nies li resqu lejn l-ibliet biex jgħollu l-livell tal-għajxien tagħhom. Dan iċ-ċaqliq urbanistiku, speċjalment l-eżodu ta' żmien il-gwerra, meta ħafna nies telqu mill-ibliet, wassal biex il-Malti djalettali, maż-żmien, beda jsir forma *substandard* tal-ilsien użat l-aktar mill-popolin rurali li baqa' mifrux mal-irħula tradizzjonali tal-gżejjer Maltin u Għawdxin.

### *Standard* u d-djaletti

Il-Malti *standard* huwa varjetà ta' Malti li, oriġinarjament, kien jifforma t-taħdit tan-nies li jgħixu fil-lokalità tal-Belt Valletta u l-inħawi ta' madwarha, li jinkludu l-Furjana, Tas-Sliema u l-Kottonera. Ftit ftit, din il-varjetà lingwistika ħadet ċertu prestiġju soċjali u, maż-żmien, saret varjetà sopraposta fuq id-djaletti tal-irħula u kienet assoċjata mal-klassi soċjali għolja u medja tan-nies edukati jew li kellhom xi professjoni, bħalma huma t-tobba, l-avukati jew dawk li jaħdmu maċ-Ċivil. Nies oħra, imbagħad, li qabel kienu jinqdew bid-djalett tar-raħal tagħhom, bdew ukoll jitgħallmu din il-varjetà anki għax, fiċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien, bejn minħabba li żdiedu n-nies li bdew jiċċaqalqu mir-raħal u jmorru joqogħdu f'postijiet oħra u bejn minħabba li għollew il-livell edukattiv tagħhom, ħassew il-ħtieġa li jibdew jikkomunikaw bil-Malti *standard*; il-Malti tal-iskola. Illum il-ġurnata, il-Malti *standard* huwa mifrux ma' Malta kollha u huwa dak it-tip ta' Malti li jiġi mgħallem fl-iskejjel. Huwa l-Malti użat mill-biċċa l-kbira tal-Maltin li, jew ħaduh mill-familja u mill-iskola, jew tgħallmuh bħala l-verżjoni għolja tat-taħdit tagħhom.

Min-naħa l-oħra, fl-ilsien Malti għad hemm ukoll ħafna djaletti li jvarjaw skont il-post ġeografiku li wieħed ikun trabba fih u skont għadd ta' kriterji oħrajn bħalma huma: il-livell edukattiv tal-individwu, il-qagħda soċjoekonomika tal-familja, is-sess, l-età u ħafna fatturi oħrajn li jaffettwaw l-għażla tal-lingwaġġ li juża l-kelliem waqt il-mument tat-taħdit. Fil-fatt, hemm differenzi kbar u oħrajn sottili bejn djalett u ieħor. Meta, kelliem li juża d-djalett, jaqleb għall-Malti *standard*, x'aktarx li jkun qed jagħmel sforz biex jippronunzja l-kliem kif suppost. Fil-fatt, ikun qed ileħħen aċċent *standard* b'varjetà djalettali aktar milli l-i*standard* innifsu. Dan jista' jfisser li l-kelliem li juża d-djalett u l-i*standard* fit-taħdit tiegħu, ikun qed juża żewġ sistemi fonetiċi distinti u, meta jħoss ruħu f'diffikultà, x'aktarx li jagħżel kompromess bejn it-tnejn. Meta jkun f'sitwazzjoni formali, quddiem nies li ma jafhomx, jew li jħoss li huma ta' livell soċjoedukattiv ogħla minn tiegħu, juża dik li tissejjaħ 'il-funzjoni l-għolja tat-taħdit', waqt li, meta jkun f-sitwazzjoni familjari, ngħidu aħna d-dar jew għand il-qraba jew il-ħbieb, fejn ma jħossux ta' livell soċjoedukattiv iktar baxx min-nies l-oħra, allura juża 'l-funzjoni l-baxxa tat-taħdit'. Dwar dan, l-awtur Ingliz, Ferguson, jgħid hekk:

*"The communicative tensions which arise in the diglossia situation may be resolved by the use of relatively uncodified, unstable and intermediate forms of language and repeated borrowing of vocabulary items from the high function to the low function of speech."*

M'hemmx dubju li, bejn il-Malti *standard* u d-djaletti, hemm ukoll differenzi ta' livell grammatikali, idjomatiku u sintattiku. Dawn id-djaletti jvarjaw minn post għal ieħor, minn individwu għal ieħor fl-istess lokalità u hemm ukoll varjazzjonijiet fl-istess individwu skont iċ-ċirkustanzi waqt il-mument attwali tat-taħdit. Għalkemm saru ħafna studji dwar id-djaletti Maltin u Għawdxin, ma nafx jekk jeżistix studju komprensiv u dettaljat biżżejjed biex ikollna mappa konjittiva tad-djaletti kollha tal-gżejjer tagħna. Minn studji speċifiċi li saru minn studenti universitarji, kif ukoll minn sondaġġi lingwistiċi li saru mill-Fakultà tal-Malti fl-Università u mill-Istitut tal-Lingwistika, wieħed jista' jqabbel u jikkuntrasta xi sitwazzjonijiet meta josserva l-aġir lingwistiku; kemm ta' individwi kif ukoll ta' komunitajiet.

Jidher li hemm ħafna kriterji li jiddeterminaw liema huma dawk il-fatturi li jikkundizzjonaw il-kelliem huwa u jagħżel, anki b'mod istintiv, liema varjant juża waqt il-mument attwali tat-taħdit tiegħu u għaliex. Jidher ukoll li kull individwu kapaċi jadatta ruħu għal kull ċirkustanza soċjali billi jagħżel dik il-kodiċi lingwistika l-aktar konvenjenti għalih biex iħossu konformi mar-regoli soċjali waqt li jkun qed jitħaddet man-nies. Awtur ieħor, David Crystal, jgħid hekk:

*"In theory, we can say anything we like but, in practice, we are governed by a set of social rules. There are norms of behaviour in speech which everyone has intuitively assimilated. We follow these norms when we are talking to older people, to people of the opposite sex, to people of a special rank, and so on. These norms affect the way we select sounds, grammatical constructions and lexemes from the resources of the language we know."*



# Is-Surmast Ġużeppi Ciappara ta' Ħal Qormi

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Illum, li qbist is-sebgħin, qed inħoss ġewwa fija emozzjoni biex nikteb dwar il-paġni sbieħ ta' tfuliti f'Ħaż Żebbuġ. Jgħidu li hija ħaġa normali li, iktar ma tikber, iktar tiftakar tal-imgħoddi milli x'ġara lbieraħ. Nixtieq nerġa' ngħix it-tfulija tiegħi f'Ħaż Żebbuġ imma ma jistax ikun; dik għaddiet u ma terġax tiġi.

L-ewwel imħabba u ġibda lejn il-palk ħadtha minn raħal twelidi, Ħaż Żebbuġ. Fi tfuliti, il-kumpaniji teatrali f'dan ir-raħal kienu fl-aqwa tagħhom u tawna talenti li, minnhom, ħarġu atturi u kantanti magħrufin fuq skala nazzjonali.

Fost oħrajn, niftakar sewwa l-kumpanija teatrali, Dun Mikiel Xerri. Din il-kumpanija kienet tagħtina vodvilli sbieħ immens, daqs operetti, u kienu jkunu bil-Malti. Ħafna minn dan ix-xogħol, kemm fir-reċtar kif ukoll fil-kant, kien ir-responsabbiltà tas-Surmast Ġużeppi Ciappara ta' Ħal Qormi. Dan kien jiġi minn raħlu, minn fejn kien joqgħod quddiem il-Każin tal-Banda Pinto, u jtellgħalna rappreżentazzjonijiet mill-isbaħ fis-Sala Dun Mikiel Xerri. Is-sala kienet tkun imballata biż-Żebbuġin u l-biljetti kienu jinħatfu minn jiem qabel. Niftakar sewwa operetti bħal, Santarellina u oħrajn, b'mużika u addattament tas-Surmast Ciappara li kien imwieled għall-palk. Kien kapaċi għall-kitba, għall-kreazzjoni tal-libretti kif ukoll għall-mużika. Kien idoqq sewwa l-pjanu li kien taħt il-palk tas-sala u jidderieġi l-orkestrina. Fl-istess ħin, kien jiggwida lill-atturi fuq il-palk bil-ħarsa t'għajnejh. Ma kinitx ħaġa faċli għax l-atturi mhux kollha kienu kapaċi jkantaw imma s-Surmast Ciappara kien iwassalhom fejn kien jixtieq hu.

Kien Dun Salv Mallia li, dak iż-żmien, kien jieħu ħsieb is-Sala Dun Mikiel Xerri, li laqqagħni mas-Surmast Ġużeppi Ciappara ħalli nkun parti mill-orkestrina li kellu għar-rappreżentazzjonijiet teatrali. Is-Surmast Ciappara kien qalli: "Tiġi ddoqq magħna, tfajjel?" U jien għedtlu, "Mela le; nipprova!" U hekk bdiet il-mixja tal-imħabba tiegħi lejn it-teatru. Kont nieħu pjaċir immens indoqq u, fl-istess ħin, inħares lejn il-palk; tifkiriet li qatt ma ninsihom. U xi tbissima jew tnejn ma kinux jonqsu!

Domna xi snin sejrin hekk u, għalkemm kont għadni żgħir, kont napprezza l-enerġija mużikali, il-kapaċitajiet teatrali u l-kitba ta' melodiji sbieħ tas-Surmast Ġużeppi Ciappara li, wara, sirt naf aktar dwaru. Imma ġara li, dan il-bravu kompożitur, miet għal għarrieda. Kellu biss ħamsa u sittin sena. Ħaż Żebbuġ bkieh għax kien tassew daħal fil-qlub. Bkewh ukoll dawk tal-Għaqda Teatrali, Dun Mikiel Xerri, għax tassew tilfu kolonna. Wara mewtu, donnu li kollox waqaf ħesrem. Diffiċli biex kont issib wieħed bħas-Surmast Ciappara, *all rounder*, kif jgħidu l-Ingliżi.

Wara li kont iltqajt mas-Surmast Ġużeppi Ciappara, (li ma jiġi xejn mis-surmast bravu l-ieħor, Vincenzo Ciappara, tal-Belt), bdejt niskopri t-talenti l-aktar mużikali tiegħu. Mill-ewwel intbaħt kemm kien kapaċi jikteb melodiji ħelwin u, toħrog il-għaġeb, meta smajt għall-ewwel darba l-Banda *King's Own* fil-marċ ta' filgħodu, f'lejlet il-festa ta' San Duminku, bdiet iddoqq marċ li kien tassew sabiħ u li għoġobni immens. Ersaqt lejn bandist u staqsejtu ta' min hu dak il-marċ. "Ta' Ġużeppi Ciappara ta' Ħal Qormi," qalli!

Sirt naf li s-Surmast Ġużeppi Ciappara kien ukoll jikkomponi marċi tajbin għall-*King's Own*. Kien anki fil-kumitat u kien il-Kaxxier tas-Soċjetà. Barra għall-*King's Own*, kien jikteb ukoll marċi għall-Banda Pinto ta' Ħal Qormi, il-banda tiegħu. Niftakar qisu lbieraħ lis-Surmast Joseph Magri, li kien is-surmast tal-Banda Pinto, isejjaħ lis-Surmast Ciappara minn fost il-ġemgħa ħalli jitla' jidderieġi l-marċ tiegħu stess.

Is-Surmast Ciappara kien bniedem xi ftit qawwi u la kien twil u lanqas qasir. Kien jidher ikbar milli kien u l-maturità tiegħu kienet tinħass. Il-ħarsa tiegħu lejn il-banda kienet ta' wieħed bl-esperjenza u li jaf il-mużika sewwa. B'mod l-aktar sempliċi, kien jagħraf joħrog l-effetti mużikali li kien jixtieq. Tgħidx kemm ċapċpulu dawk miġburin fil-bitħa tal-Każin tal-Banda Pinto! Naħseb li dik kienet l-aħħar darba li rajtu.

Wara, sirt naf ukoll bl-għadd ta' kanzunetti sbieħ li kkompona, fosthom, il-magħrufa Xemx jew Qamar, magħrufa aktar bħala, ta' widnejn il-ħmara. Niftakar li, ta' tfal li konna, aħna qlibnieha u, flok "widnejn il-ħmara" konna ngħidu, "widnejn Ciappara!" Tiftakruha din il-kanzunetta Maltija li kienet tirrakkonta dwar kaċċatur li pprova jispara fuq tajra u jsib li kienet widnejn il-ħmara? Kemm kienet tnissel tbissim dik il-kanzunetta kantata minn Joe Grech fuq versi tal-Avukat Ġorġ Zammit li, bħas-Surmast Ġużeppi Ciappara, kien minn Ħal Qormi wkoll!

Jiena komplejt insegwi lis-Surmast Ciappara fil-*festivals* tal-kanzunetti li, dak iż-żmien, kienu popolari ħafna. Dejjem b'xi kanzunetta ġdida tiegħu u dejjem sabiħa. Ciappara kien tajjeb ħafna fil-kreazzjoni ta' melodiji ħelwin. Kien jaf u jifhem sew il-preferenzi mużikali tan-nies. Kont naraħ anki bħala membru tal-ġurija tal-Karnival li, normalment, tkun magħmula minn nies li jifhmu sew fil-qasam tal-palk u f'dak tal-mużika. Barra minn hekk, kien jieħu ħsieb imexxi l-isfilata tal-Karnival. Ironikament, kif ġraw l-affarijiet, is-Surmast Ġużeppi

Ciappara miet b'attakk f'qalbu fl-aħħar jum tal-Karnival tas-sena 1969. Deher li ħa kedda kbira fil-Karnival.

Is-Surmast Ġużeppi Ciappara kien bniedem attiv ħafna. Kien jaf idoqq il-pjanu u strumenti oħrajn. Saħansitra, kellu wkoll orkestra żgħira li, permezz tagħha, kien iferraħ lin-nies tas-Servizzi Ingliżi fl-Imtarfa. Ibnu, Dennis, qalli li missieru kellu mħabba speċjali għall-mandolina, l-istrument romantiku ta' ħlewwa kbira, l-istrument li jien dejjem xtaqt nitgħallem indoqq sew imma ma nistax ngħid li wasalt u, minħabba f'hekk, għandi dispjaċir kbir. Kieku maġenbi hawn is-Surmast Ġużeppi Ciappara, żgur li kien jimlieni bil-ħeġġa biex inkompli, għax hekk kien l-istil tiegħu.



# Interessanti, kurjużi imma veri

*Kitba ta' Carmen Dimech*

Triq l-Isptar il-Qadim, salib it-toroq ma' Strada San Giuseppe l-Belt, fejn trabbejt jien tmenin sena ilu, għalkemm kont għadni żgħira, niftakar li, bieb ma' bieb magħna, kienet toqgħod l-Ispanjola filwaqt li, ħdejha eżatt, kienu jgħammru tal-Griega li, magħhom, kien joqgħod Tony, l-Ingliż, għax kien miżżewweġ għandhom. Tefgħa ta' ġebla l-bogħod, kien hemm Rita, it-Taljana u, fil-kantuniera, il-ħanut tal-Ġermaniż li, mingħandu, min jaf kemm-il darba ommi baghtitni nixtrilha tliet karnijiet imbid iswed għall-istuffat tal-fenek, jew inkella xi sfinġa tal-bakkaljaw. Imbagħad, ta' kull filgħodu, kien jiġi Pawlu t-Tork ibigħ il-ħobż, il-bziezen u l-pastaduri. U, magħhom, kont tiltaqa' mat-Tripolin, mal-Marokkin u mal-Pullakku wkoll.

Dawn li qed insemmi, kollha kont issibhom fl-akkwati tat-Triq tal-Franċiżi u, appropożitu, la ġejna f'dan, ikun tajjeb jekk xi studjuż tal-istorja bħal, ngħidu aħna, il-Professur Ray Mangion, jilluminana daqsxejn dwar ir-raġuni għala Strada San Giuseppe tal-Belt kienet magħrufa wkoll bħala t-Triq tal-Franċiżi. Minn dak li kont nara jien meta kont tifla, iktar naħseb li kien imissha jisimha Triq il-Ġnus Magħquda milli tal-Franċiżi biss! U, jekk irid, Profs. Mangion jista' jgħidilna wkoll għala lilna tal-Belt jgħidulna tal-Palestina.

Imma, niġi għall-punt għax dak li ispirani nikteb illum huwa li ħadd m'għandu jaħseb li din tal-barranin fostna hija xi ħaġa li bdiet ilbieraħ tafux. U, fl-istess ħin, qatt ma niftakar li kienu jsiru xi protesti jew taħdidiet sħan dwar dan is-suġġett. Anzi, nazzarda ngħid li, dak iż-żmien, aħna konna ngħixu magħhom f'armonija sħiħa. Biex inkun għidt kollox, l-għadd tagħhom ma kienx kbir daqskemm huwa dak tal-lum u, terġa' u tgħid, ħadd minnhom ma kien jippretendi li għandu (jew jista') jimponi l-kultura differenti tiegħu fuqna. Dawk in-nies ta' żmieni donnhom li kienu iktar disposti jintegraw ruħhom fil-kommunità tagħna milli huma dawk tal-lum.

Tant hu hekk li, il-barranin ta' żmieni li semmejt iktar 'il fuq, kollha bil-Malti konna nkellmuhom u ma kellniex għalfejn noqogħdu nitgħallmu l-Grieg, l-Ispanjol, jew il-Ġermamiż. U, tajjeb jew ħażin, huma bil-Malti kienu jkellmuna wkoll għax, kemm kienu jkunu ilhom hawn Malta, kienu jitgħallmu speċi ta' *pigeon Maltese* imma li, bih, barra milli, kultant, konna nidħqu xi daħqa, konna nifthiemu tajjeb ħafna wkoll.

Il-kontroversji dejjem jibqgħu imma, illum, iktar minn qatt qabel, irridu ndaħħluha f'moħħna li d-dinja ilha li nbidlet. Minn banda waħda, bil-mod il-mod, il-mezzi tat-trasport, fuq l-art, bil-baħar u fl-ajru, saru iktar faċli, irħas, jieħdu inqas żmien jew ħin u jistgħu jsiru b'ħafna inqas tbatija. Minn naħa l-oħra, il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni ġabu magħhom iktar għarfien dwar x'opportunitajiet jeżistu f'postijiet differenti. Allura, huwa minn għewl id-dinja li, fejn ikun hemm popli oppressati jew qed ibatu l-ġuħ jew fejn hemm in-nuqqas ta' xogħol u dawn jisimgħu u jaraw li jeżistu pajjiżi oħrajn fejn hemm opportunitajiet u prospetti aħjar, huwa ovvju li dawn in-nies ser jagħmlu kulma jistgħu biex jiċċaqalqu minn post fejn hemm l-għaks u t-tbatija għal postijiet oħrajn li joffru prospetti ta' ħajja aħjar.

Ittihom xi tort lil dawn in-nies li jaħarbu mill-jasar għal-libertà, mit-tbatija għall-kumdità u mill-faqar għall-ġid? Min minna ma jagħmilx l-istess bħalhom, jekk insibu ruħna fl-istess sitwazzjonijiet? Kieku faċli nparlaw fil-vojt imma, kif jgħid il-Malti, biex tkun taf, trid tistaqsi lill-imġarrab!

# The lawyer

***A story by Liz Bajada***



Ted was the second son of Eddie's five siblings, a farmer from Yorkshire. At age seven, Ted had already decided that farm life was not for him. He always obtained excellent results when he attended the local village school. He hated being taken away from his studies to give a helping hand on the farm where there was never a shortage of work. Although the family did not lack necessities, hard work was the order of the day. Ted wanted something different. He thought that life in the city would bring him fame, money and a comfortable life. One day, he told his parents that he wanted to go to university to continue his studies. His mother was glad but his father, whose only help came from his two sons, Charlie and Ted, thought otherwise. He had hoped that his sons would assist him on the farm and that his three daughters would marry local farmers. But Ted was adamant. He wanted to go to the city and fulfil his dreams.

With Ted's excellent results at college, he managed to enrol in a very good university and take up law. In order to make ends meet and so as not to burden his family financially, he took on various part-time jobs. Therefore, it was no surprise that he only kept in touch with them through occasional phone calls and rare letters. Visits were few and far between. His university results were brilliant and it was no wonder that he managed to get a post with a renowned firm of solicitors in London. His hard work and loyalty toward the company were rewarded with promotions and hefty pay packets. Little by little, he became so engrossed in his work that he hardly had time to write or phone home.

One day, a colleague suggested a drink at a nearby pub. Usually, Ted never went out for drinks and, when the office was closed, he worked from home. But this was Christmas Eve and he accepted the invitation. Suddenly, it dawned on him that he had been absent from social circles for so long that he had forgotten how to socialise. Lately, it had been all work and no play. With all the merry making around him, he did not even see a smart girl coming up to him to wish him a happy Christmas. Ted was immediately struck by her natural beauty. She had personality, charm as well as a captivating smile. "My name is Lily," she said. "We work for the same firm but I head the accounts' department" she added. At a loss for anything to say, Ted offered her a drink and, quite soon, they were chatting and laughing as if they had known each other for years.

Only when Lily got up saying that she had better leave as she would miss her train home did Ted realise that it was getting late. She said that the family will be getting together for the Christmas Eve dinner and she had no intention to miss out on this annual festivity which she had grown to cherish. "How do you spend Christmas at home?" she asked. Ted found himself unable to give an adequate reply. He had been missing out on family celebrations for a number of years. Seeing that there was no response, Lily ventured with, "Would you like to come and celebrate with us? Mum would, definitely, have an extra space for you at the table! There is nothing that she would like better than having a large party around. You can even stay overnight if you like and if you don't mind sleeping on the sofa" she suggested. How could Ted refuse? He liked her company and, so, he eagerly accepted the invitation.

Ted was greeted, and made welcome by Lily's parents, her two sisters and her brother. The fare was excellent and the atmosphere jovial! The evening slipped into the early hours of the morning when Ted was ushered to a sofa which was to be his bed for what remained of that night. He awoke to laughter and noise coming from the dining room where presents were being opened by the family. He made up his mind to invite Lily and her family for dinner at some posh place when he returned to London. He had had no time to think of presents. He thanked them all for their warm welcome. It had been an unforgettable Christmas!

On the train back to London, Ted suddenly felt a strong urge to go and see his own family and even spend the New Year with them. The shops in London were still open and he bought gifts for all of them. When he walked out of the station in York, Ted looked at the wonderful scene before his eyes. It had snowed the previous night and the countryside seemed to be wrapped in a white blanket. He had completely forgotten how mesmerising the scenery at home was. As the taxi drove to his family home, he felt as though time had stood still when he had left. There was the village square with the general store and the post office displaying their Christmas Trees and other Christmas decorations. Even the small sweets' shop, with its humble Christmas trimmings was there! He remembered how he and his brother and sisters used to visit the shop after Sunday mass to buy a few pennies worth of sweets which had to last them the whole week,

until the next visit.
Ted woke up from his reverie and, when the car stopped in front of his home, he suddenly realised that he had not told anyone of his coming. He rang the bell and the door was opened by a little boy. "I am Sam," he offered, "and I am four years old. And who are you?" demanded a pair of large blue eyes from under long eyelashes. As he spoke, the little boy flicked a lock of curly hair from his face, which gesture was to Ted reminiscent of another era!
Merriment was heard coming from within. Ted asked politely, "May I speak to your mum or your dad, please?"
"Who's at the door, Sam?" asked a voice coming from inside the house.
"There is a gentleman who wants to speak with you, dad!" said Sam running back even as he spoke leaving Ted on the doorstep. A tall, bald man with a pair of smiling eyes came out to greet Ted. It was his brother, Charlie. Ted's sisters with their own respective families were also there. His parents, now both looking very frail, were seated at the dining table which was laid out with the delicious food that Ted remembered so well. Nothing had changed! Even the roast turkey smelled the same as ever. The family had gathered to celebrate the New Year. All were overjoyed to see him once again. Ted was the only one who was still single! Yes, he had fulfilled his dreams and got on in life. But he also realised that, eventually, that was not what really mattered for a full and satisfying life. He had missed out on the love that only a close-knit family can give and he had forgotten the lovely memories that family gatherings on special occasions bring with them. It was Lily and her family who had taught him to appreciate life's happy moments. Tomorrow he will call her! He will thank her once again for the wonderful time they spent with her family! He will certainly not waste any more time! He will invite her to dinner and tell her how important she was to him! And, hopefully, before next Christmas, he will even gather enough courage to pop the question!

---

# Ħabib ta' veru

*Apprezzament ta' Franky Piccinino*

Aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq! Hekk jgħid il-Malti u tant huwa minnu li anki popli oħra jsostnu, kważi tista' tgħid, l-istess ħaġa. *Chi trova un amico trova un tesoro*, jgħid it-Taljan u *You never miss the water till the well runs dry* jgħidlek l-Ingliż, fis-sens li oġġett, jew lil xi ħadd, tapprezzah l-iktar meta titilfu, mhux meta jkun għadu għandek. Jien ukoll kelli ħabib ta' veru u tliftu u rrealizzajt x'kelli meta ma stajtx ingawdi iktar il-ħbiberija sinċiera tiegħu.

Kien raġel tassew baħbuħ; raġel sew; raġel tal-familja; raġel tar-ruħ li, fejn jista', kien jgħin lil kulħadd, ħbieb u mhumiex. Il-familja sabiħa li kellu kienet il-mimmi t'għajnejh. L-hena tiegħu meta, flimkien ma' martu, Josie, kien ikun imdawwar b'uliedu u bit-tfal tat-tfal. Josie, kienet tadurah għax fih kienet issib is-sinsla u l-bastun tal-familja. Kien imexxi u jieħu ħsieb il-familja daqs l-aqwa amministratur għax kien jinqala' għal ħafna xorti. Dejjem kien jitkellem fuq il-membri tal-familja tiegħu u jara li ma jkun jonqoshom assolutament xejn.

Għamilna iktar minn erbgħin sena naħdmu flimkien ġo fabbrika tat-tessuti u erbghin sena dejjem flimkien mhix ċajta. Konna drajna naqsmu l-ferħ, u anki n-niket, li taf iġġib magħha l-ħajja. Lili kien jistmani daqslikieku kont huh u kien jilqagħni ġo daru daqslikieku kont wieħed minn ta' ġewwa. Anki wara li spiċċajna bil-pensjoni, xorta waħda bqajna ħbieb u bqajna niltaqgħu u noħorġu flimkien, daqqa mal-familji rispettivi tagħna u, xi drabi, anki waħedna meta konna nitilgħu sal-Belt u, forsi, anki nieqfu nieħdu dak il-flixkun birra, jew tnejn! Kien raġel tal-pjaċir u ma jistax jonqos li spiss kien jistaqsini jekk għandix bżonn ta' xi ħaġa ħalli, fejn jista', kien



jipprova jgħini. Fuq kollox, kien bniedem li dejjem taf fejn qiegħed miegħu. Kien ħabib ta' veru; ħabib li trid tagħmilha miegħu biex tassew tkun taf il-ħbieb kif għandhom ikunu.

Illum, sieħbi Toni m'għadux iktar magħna. Iddeċieda li jmur jiltaqa' mal-Mulej u lili ħallieli biss il-weġgħa tal-firda flimkien mal-ħafna tifkiriet għeżież taż-żmien kollu li għaddejna flimkien; tifkiriet li mhux lakemm tinsihom malajr kif ġieb u laħaq, jgħaddu kemm jgħaddu snin. It-Taljan imissu jgħid ukoll li, *Chi perde un amico, perde un tesoro* għax jien hekk ġrali wkoll; tlift teżor ta' veru! Għandi memorji sbieħ wisq ta sieħbi Toni u, għalhekk, mhux għaġeb li ma nista' qatt inneħħih minn ġewwa qalbi.



# It-Teżorier

***Novella ta' Anthony Said mill-Furjana***

Għal wieħed u għoxrin sena sħaħ, Ġużeppi serva fil-kariga prestiġjuża ta' Teżorier tal-Kumitat tal-Każin tal-Banda, *Queen of Peace*. Xogħlu dejjem għamlu bir-reqqa u mill-aħjar li jaf imma, fl-aħħar sentejn, minħabba li x-xogħol żdied u anki sar aktar ikkomplikat, beda jsibu aktar ta' piż. Barra minn hekk, Ġużeppi kellu disgħa u sittin sena u moħħu ma baqax li kien. Għaldaqstant, il-Kumitat ħa ħsieb iqabbad wieħed jgħinu bħala Assistent Teżorier. Alistair kien żgħażugħ ta' tlieta u għoxrin sena, gradwat fl-ekonomija u jaħdem ma' kumpanija ta' konsulenti finanzjarji.

Kmieni filgħodu tal-jum meta kellha ssir il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà, ċemplet il-qanpiena tal-bieb tad-dar ta' Ġużeppi li, xħin fetaħ, sab lil Alistair, liebes illamtat, bħas soltu, li, b'wiċċ serju, qallu, "Bonġu Ġuż. Jiddispjaċini li ħa jkolli ntik aħbar ħażina imma naħseb li aħjar taqra din is-silta li mmarkajtlek mir-Rapport tal-Awditur li ser jinqara llejla!"

Ġużeppi beda jaqra u nstaram. Ma setax jifhem. Ir-rapport elenka għadd ta' nuqqasijiet fit-tħaddim u ż-żamma tal-finanzi tas-Soċjetà fi żmien meta x-xogħol kien isir minnu.

"Dan ir-rapport mhux suppost għaddejtulek," kompla jgħidlu Alistair, "imma ħassejtni fid-dmir li nurihulek qabel il-laqgħa tal-lejla!" Ġużeppi ma sabx xi jgħid għax, dak il-ħin, kien mifxul waħda sewwa.

"Jien ser ikolli nħallik, Ġuż," qallu ż-żgħażugħ, "għax qiegħed xogħol. Narak illejla fil-ħamsa."

Xi siegħa qabel il-laqgħa, Ġużeppi mar il-bottegin tal-każin jieħu żewġ grokkijiet. Kellu bżonnhom! Anki Neil, il-*barman*, induna li kien imħawwad għax qallu, "Xi ġralek, Ġuż? Qisek ras maqtugħa! Mhux soltu tkun hekk qabel il-laqgħa tal-kumitat!"

"Ngħidlek is-sewwa," fetaħ qalbu Ġużeppi, "dalgħodu ġie l-Assistent Teżorier il-ġdid, qgħadna nitkellmu fuq ix-xogħol u, kultant, lanqas nifhmu għax jitkellem tqil wisq," wieġbu Ġużeppi li ma xtaqx juri r-raġuni vera għala kien inkwetat.

"Eh, Alistair tifel ambizzjuz u jilħaqlu," stqarr il-*barman*. "Meta tispiċċa int, żgur li lilu jagħmlu teżorier. U jridha wkoll! Kollu ġlekkijiet u ingravati; qisu xi *manager*!"

"Bravu żgur, għax gradwat," qabel miegħu Ġużeppi, "u qabad sew fix-xogħol. Ċerti affarijiet jagħmilhom mingħajr ma nurih kif. U tgħidx kemm jistaqsi mistoqsijiet!"

"Jaqaw qed tibża' li joħodlok postok, Ġuż?" staqsieh Neil. "Ħeqq, ma ntikx tort għax, biex ngħidlek, aħjar toqgħod attent għax hekk jidher li jrid!"

Ġużeppi tħawwad u ħass il-ħtieġa li joħroġ għall-arja ta' barra. Kliem Neil xejn m'għoġbu. Mar fil-ġnien quddiem il-każin biex jipprepara ruħu għal-laqgħa li, għalih, x'aktarx, kienet ser tkun l-aħħar waħda. Dam kważi nofs siegħa fuq bank wara arbuxella għall-kwiet imma, kif kien ser imur lura l-każin, ra lil Alistair dieħel fil-ġnien ma' żgħażugħ ieħor. Kien l-awditur għax għarfu mill-aħħar laqgħa. Minn fejn kien, Ġużeppi seta' jarahom imma huma ma setgħux jarawh. Qorbu lejn fejn kien hu u, issa, seta' anki jisimagħhom.

"Dalwaqt neħles minnu lil dak ix-xiħ, b'dak ir-rapport li għamiltli!" kien qed jgħid Alistair lill-awditur. "Tassew għamiltu tajjeb; eżatt kif ridtu jien!"

"Tajjeb għalik," wieġbu l-ieħor. "Jekk jiġi f'idejn ħżiena, lili, jista' jiswieli l-karriera! Jiġifieri, aħjar tara kif ser taqlagħli dawk l-elf u mitejn ewro li tlabtek tiegħu!"

"Orrajt, orrajt!" nefaħ Alistair. "Imm' issa, aħjar immorru għax qed isir il-ħin! Idħol int l-ewwel, imbagħad, niġi warajk ħalli ma jarawniex deħlin flimkien. Li ma jmorrux jissuspettaw xi ħaġa!"

Mela din konfoffa, irrealizza Ġużeppi. Konfoffa biex hu jitwarrab u, floku, jsir imbruljun ambizzjuz u bla skrupli. Ġużeppi, issa, beda jħossu aħjar. Wara li telqu, ħalla ftit tal-ħin jgħaddi, ħareġ mill-ġnien, daħal il-każin u baqa' sejjer dritt fis-Sala tal-Kumitat. L-awditur hemm kien imma Alistair kien għadu me telax. Ġużeppi marlu ħdejn il-bieb tas-sala jistennih tiela' għal-laqgħa.

"Orrajt Alistair?" laqgħu l-anzjan, bħal wieħed li qisu ma jaf b'xejn.

"Orrajt ħabib?" wieġbu l-ġuvnott.

"Dwar dak ir-rapport . . . " beda biex jgħidlu Ġużeppi.

"Tieħu ħsieb xejn, Ġuż," qatagħlu kliemu l-Assistent Teżorier, "jien mhux hemm se nkun? Jekk ikun hemm bżonn, naqbeż għalik jien! Il-ħbieb mhux għalhekk qegħdin?"

"Ħbieb, eh!" ħatfu Ġużeppi. "Qatt ħadd qallek kemm int ġakbin?"

"Ġakbin? Għaliex qed tgħidli hekk? Jekk xi ħadd qallek xi ħaġa dwari, għidli min hu u malajr nurih min hu l-ġakbin!" għajjat Alistair maħruq għall-aħħar.

"Jien qed ngħidlek ġakbin u ħadd iżjed," tenna l-anzjan, "wara li smajt lilek u lil dak il-brigand ta' sieħbek, l-awditur, titkellmu; dak li għandek ittih elf u mitejn ewro tar-rapport li għamillek!"

Alistair issomma. Ħalqu nfetaħ imma ma felaħx ilissen kelma. Ma kienx jaf x'ser jaqbad jgħid u, bir-rogħda li qabditu, lanqas kien jaf x'qed jagħmel.

"Mela ma baqagħlekx kliem, Sur Assistent Teżorier?" qallu Ġużeppi kif ra lil dak l-imbruljun mifxul. "Ħażin ta għax, kif nidħlu għal-laqgħa, ser tgħidilhom li dak ir-rapport huwa fażull u se tgħidilhom għaliex ukoll!"

Le . . . le . . . ma nistax," laqlaq il-ġuvnott. "Ir-rapport . . . issa . . . hu li hu!"

"Ismagħni sew, sur galantom," ħatfu Ġużeppi hekk kif qabdu mill-pavri tal-ġlekk u ssussaħ. "Issa jew

tagħmel kif għidtlek jew l-ingravata ndawwarhielek darbtejn mal-ġewża t'għonqok!"

Il-ġuvni beda jissara u jipprova jeħles imma l-anzjan niżżel il-ponn fuq l-iskutella ta' rasu u, bid-daqqa, waqa' fl-art. Ġużeppi ħatfu mill-ġlekk b'dawk l-idejn matnazzi tiegħu, daqslikieku kien xi xkora patata u, litteralment, kaxkru fis-Sala tal-Kumitat. "Araw x'ġibtilkom!" qal Ġużeppi hekk kif daħal fis-sala jżomm lill-Assistent Teżorier mill-għonq tal-ġlekk, mgħaxxex, żmattat u jokrob. Meta ra hekk, l-Awditur għal ftit ma ħassux ħażin bil-biża' li qabdu.

"Nippreżentalkom lill-Assistent Teżorier!" qalilhom. "Bħalissa ma jħossux fiha imma, la jiġi f'tiegħu, għandu dikjarazzjoni importanti x'jagħmlilkom!" U hekk kien għax, wara li semgħu dak li kellhom jisimgħu, dak il-ħin stess, il-Kumitat iddeċieda b'mod unanimu li jqalftu 'l barra lil Alistair u jsibu awditur ieħor. Sadattant, Ġużeppi baqa' jaqdi dmiru bħala Teżorier tal-Kumitat tas-Soċjetà tal-Banda, *Queen of Peace* sa ma rriżejna xi ħames snin wara.

---

# Buganvilla

***Novella ta' Lina Brockdorff***

Bil-lajma, l-arloġġ antik tal-bozza daqq it-tokki tal-erbgħa ta' waranofsinhar. Kien arloġġ li, sa minn tfulitu, Pierre kien jiftakru għand ommu, fuq gradenza tal-kewba kannella, kollha skultura stil *art nouveau* u, issa, fuq xkaffa ta' *wall unit* lewn krema indurata b'girlandi 'l hinn u 'l hawn. Kollox kien modern fil-kamra tas-sodda, ħlief l-arloġġ tal-bozza. Minn dejjem kien għal qalbha dak l-arloġġ il-mamà! Min jaf, fi tfulitu, kemm-il darba laqtu bil-ballun! Safrattant, hemm baqa', waqt li bosta affarijiet ta' madwaru nbidlu. Kien l-unika ħolqa ta' katina li tgħaqqad tfulitu mal-preżent. Kemm ġraw xorti minn dak iż-żmien 'hawn!

Il-purtieri tan-najlon krema kultant kienu jitharrku maż-żiffa ħafifa li bdiet tielgħa mill-ġnien. Kien ix-xahar ta' Marzu. B'subgħajha inviżibbli imma setgħana, ir-rebbiegħa żebgħet b'ilwien u bi sbuħija kull rokna ta' Malta u Għawdex. Id-dar, jew aħjar il-villa ċkejkna ta' omm Pierre fix-xifer tal-Mosta, kienet qisha rokna tal-Ġenna. Minn kull tieqa li tittawwal, tara veduti sbieħ, kollha differenti minn xulxin. Aktarx li, min fassal id-dar, kien artist prim u għamel kulma seta' biex kull tieqa toħloq gwarniċ ta' pittura liema bħalha; kemm jekk tħares lejn Wied il-Għasel, jew tifrex ħarstek lejn il-Bidnija, inkella tittawwal lejn Għajn Riħana, ukoll jekk għajnejk jimirħu 'l bogħod, lejn il-Gżejjer ta' San Pawl. Mhux inqas jekk it-tieqa tagħti għal xi rokna tal-ġnien kollu ward u funtani tal-villa ta' maġenbha.

Żgur li ftit kienu l-ixxurtjati bħal ommu u ħutu li kellhom villa bħal dik. Seta' jgħid li l-villa kellu sehem minnha huwa wkoll imma, għalissa, dan ma kienx jinteressah. Kien ilu tliet xhur biss li ġie lura mill-Kanada; tliet xhur f'dik il-villa tal-familja. U kienet għaddiet sena mindu mietet martu, Charisse! Ipprova ma jkomplix jaħseb fuq dak il-fil. Kien jeħtieġlu jinsa. Qal, u fakkar lilu nnifsu għal l-elf darba, li mhux ser iġibha lura billi jibkiha, billi jaħseb fiha.

Minn fuq is-sodda fejn kien intefa' bil-ħwejjeġ b'kollox, dawwar ħarstu lejn iż-żewġ twieqi; waħda kull naħa tal-kamra li kienet kantuniera. Din kienet saret kamartu. Ħa grazzja magħha mill-ewwel, għalkemm, il-Kanada, kien dara jgħix fi kmamar żgħar b'saqaf baxx. Sa tliet xhur ilu, kien għadu qatt ma raha l-villa t'ommu, li tlestiet xi ħames snin qabel. Il-kamra tas-sodda tiegħu kienet togħġbu, l-aktar għax kienet tagħti għal fuq il-ġnien. Ma' tieqa minnhom, kien hemm tixxeblek, u tipprova tittawwal għal ġewwa, *honeysuckle* waqt li, mal-oħra, kien hemm liedna. Il-liedna kienet tfakkru f'xi kastell antik tal-ħrejjef; kastell bħal dak li kien ixxabbat miegħu ġewwa Għawdex meta kien waqa' u weġġa'. Il-mamà qaltlu għaliex ħawlet il-liedna hemm. Dejjem kellha f'moħħha li, meta Pierre u l-familja



jiġu Malta għal btala, tagħtihom dik il-kamra. Meta kien żgħir, kien jiċċajta u jgħid li, f'kamartu, kien jixtieq tieqa mdawra bil-liedna biex, bħal prinċep tal-ħrejjef, jitla' magħha ħdejn il-prinċipessa maħbuba tiegħu! L-ommijiet għandhom ħabta jiftakru dettalji bħal dawn! Kemm sentimentaliżmu! Imma x'kien jagħmel bħalissa mingħajr ommu u ħutu? Veru li l-mewt ta' martu kienet traġedja imma kemm kien ikun agħar kieku ma kinux huma? Kienu jieħdu paċenzja kbira bih! Aktar minn darba, fakkruh li dik kienet daru; ma jonqsu xejn. Hemm aħna; kien qisu prinċep!

Mill-flus ma kienx mieqes għax ġab erba' soldi ġmielhom miegħu mill-Kanada. Ommu kellha biżżejjed ukoll u, kieku ried, lanqas kellu ħtieġa jaħdem. Imma sab impjieg xorta waħda u, għalhekk, kellu flus biżżejjed, kemm għalih kif ukoll għaż-żewġ uliedu. Imma l-bniedem bilkemm jilħaq iwitti ntopp li ma jsibx ieħor. Issa, għax ma kellux problemi finanzjarji, kien hemm ħaġ'oħra li bdiet tinkwetah. Meta mietet martu, dam żmien iħoss taqlib u, fl-aħħar, irnexxielu jikkalma xi ftit lilu nnifsu minn dik it-tempesta li kienet qed thedded mhux biss lil qalbu imma, sahansitra, lill-istess eżistenza tiegħu wkoll. Kellu jammetti li kien hemm vojt kbir ġo fih.

Qalbu, li ħaseb li kienet mietet u ndifnet ma' Charisse, bdiet turi ċar li għadha ħajja. Bħalma x-xtieli tal-ġnien ma jikbrux mingħajr ix-xemx, qalbu wkoll teħtieġ is-sħana tal-imħabba biex tgħix. Billi kellu biżżejjed flus? Il-bniedem ma jgħix bil-flus biss! Reġa' ħass taħbit goff ġewwa sidru u beża' li se jagħtih xi attakk ta' palpitazzjoni bħal dawk li, sa ftit ilu, kienu jwerwruh.

Qam malajr minn fuq is-sodda. Aħjar jagħmel xi ħaġa biex iderri imma, fl-istess ħin, l-għeja u t-telqa li kien iħoss f'kull parti ta' ġismu kienu jerġgħu jmidduh fis-sodda; f'ċirku vizzjuż; bħal kalamita tremenda, jerġgħu jiġbdulu ħsibijietu lejn l-imgħoddi.



Qam minn fuq is-sodda. Beda jdur mal-kamra ma jafx x'ser jagħmel. Jilbes u jmur dawra. Fetaħ il-gwardarobba u, fil-mera tal-bieba, lemaħ xbihietu. Kien iħares fil-mera kull filgħodu, biex iqaxxar il-leħja, imma, għall-ewwel darba, ħares b'għajnejn differenti. Kien kritiku, qisu qed jara bniedem ieħor, jew bħal wieħed li qed jagħmel inventarju tiegħu nnifsu. Ħares b'għajnejn disinteressati u b'qalb mingħajr emozzjoni. Jgħidu li, meta bniedem jgħaddi minn prova iebsa, ma jibqax li jkun; jinbidel. Jista' jsir aħjar u jista' jinbidel għall-agħar. Fil-każ tiegħu, ir-riżultat aħħari kien għadu ma ħarigx. Kien għadu fuq il-quċċata tal-mewġa li setgħet turiħ sema u ġenna imma setgħet ukoll tkissru u tfarrku ma' blat iswed qerriedi, jew titfgħu f'abbiss profond.

Baqa' ħarstu fil-mera. Raġel mibni sabiħ, mibrum mingħajr ma ssejjaħlu oħxon, wiċċu mislut; wiċċ li, għalkemm ma kellu ebda sbuħija fiżika, jaf jixgħel u jiddawwal b'espressjoni ħelwa t'għajnejn suwed tawwalin. Xagħru nnukklat li, mal-ġenbejn, ħa ġmielu l-griż. Kien għadu jġibhom sew il-ħamsa u erbgħin sena! Baqa' jħares. Xejn milli ra ma Impressjonah. Deher mitluq u traskurat. Min jaf, forsi kien wasal iż-żmien li jaqta' xagħru? Forsi jmur sal-belt u jixtri xi żewġ qomos u ingravata ġdida? Forsi jibda joħroġ? Imma dan kollu għal min? Ħareġ ġlekk mill-gwarbarobba. Minn isfel, beda tiela' l-għajjat ta' dawk l-imberkin tfal jiġġieldu. Marisa kellha ħmistax-il sena, Etienne tlettax. Kienu l-mimmi t'għajnejh imma, dan l-aħħar, l-aktar minn meta waslu Malta, inbidlu għal kollox. Kien iqishom bħala tfal ħelwin imma għaliex, kultant, bdew idejquh? Jista' jkun minħabba li tilfu r-rutina tas-soltu jew, aktarx, li kien l-effett tal-fsied esaġerat tan-nanna u taz-zijiet. Insomma, qatt ma nkwetawh daqs dan l-aħħar! Spiss jitlewmu u, meta tikkuntentahom f'ħaġa, minnufih jaqilgħu oħra.

Din id-darba, it-tilwima spiċċat fix-xejn u, wara ftit, sama' l-ewwel noti tal-pjanu. Sa minn meta kibru biżżejjed biex jilħqu t-tastiera, iż-żewġ uliedu bdew jitgħallmu l-pjanu mingħand missierhom. Imma, dan l-aħħar, ħass li ma kellux aktar paċenzja għalihom u kienu jitgħallmu għand għalliema l-iskola stess. Kienu jdoqqu xi ħaġa 'l hinn u 'l hawn imma rari jippruvaw idoqqu flimkien *quattromani*.

Dak il-ħin, bilkemm seta' jemmen lil widnejh, kienu qed idoqqu flimkien u kienu qed idoqqu tajjeb, b'espressjoni, silta melodjuża li qatt ma semagħhom idoqqu qabel. Beda jsaffar magħhom u, saħansitra, xħin waqfu għal waqt qasir, baqa' jsaffar bħal wieħed li kien jaf kif tkompli. Beda jżomm it-temp tal-mużika b'idejh u xtaq li dik il-mużika ma tiqafx. Għal xi raġuni, ħass bħal raġġ ħafif sħun ta' saħħa timlilu ġismu mitluq. Niżel bilġri isfel. Ma xtaqx ikellimhom jew itellifhom għax l-esperjenza għallmitu li, darba jieqfu, żgur li ma jkomplux u hu xtaq li dik il-mużika tkompli. Baqa' wara l-purtiera, jisma' imma, meta l-kurżità għelbitu, mar warajhom biex jaqra l-isem tas-serenata u tal-kompożitur. B'għaġeb kbir tiegħu, it-tfal issuktaw idoqqu u temmew is-serenata sal-aħħar nota b'sett ta' kordi armonjużi, għall-ewwel b'saħħithom, imbagħad jispiċċaw fix-xejn bil-ħlewwa.

"X'jisimha din? Min kitibha?" staqsa.

"Ilna ħafna nipprattikawha *Dad* u, illum, deħrilna li nafuha biżżejjed biex indoqquhielek. Għoġbitek?"

Pierre qabad waħda mill-folji tal-manuskritt f'idejh. "Għadek m'għidtilniex jekk tgħoġbokx" kompliet Marisa.

Imma misserhom baqa' jħares lejn il-manuskritt; kopja ritratt ta' mużika oriġinali. L-isem tal-kompożitur ma kienx imniżżel imma, b'ittri qishom impinġijin, kien hemm l-isem tas-serenata, ***Buganvilla!*** Baqa' bl-ispartit f'idu, iħares ċass mingħajr ma jlissen kelma. It-tfal stennew kumment ta' inkoraġġiment. Kienu ilhom ħafna jistudjawha u ma kienx ser jeħles minnhom jekk ma jgħidilhomx li għoġbitu; jekk ma jgħidilhomx 'bravi' u jagħtihom bewsa kull wieħed.

"Jekk trid, *Dad*, nerġgħu ndoqquha imma, jekk nieħdu xi żball, toqgħodx tgħajjat u twaqqafna biex idoqqha int. Din ma tafhiex bħalna int! Din għal *quattromani* qiegħda! Ħallina nkomplu! Trid nerġgħu indoqquhielek?" issogra jgħidlu Etienne.

"Agħtihielna ħa nippruvaw!" qaltlu Marisa. Imma Pierre kien qisu mhu qed jisma' xejn u dam ftit sa ma ħall ilsienu.

"Iva, togħġobni. Din minn fejn ġibtuha? Jaqaw sibtuha mal-mużika qadima tan-nanna? Jew xtrajtuha? Le, le. Ma naħsibx. Ma jistax ikun li xtrajtuha. Min tahielkom? Qatt ma daqqejtuha qabel."

"Ilna ħafna nipprattikawha waqt il-lezzjoni tal-pjanu u ma xtaqniex indoqquhielek qabel ma nkunu nafuha sew."

"Għadkom m'għidtulix minn fejn ġibtuha," reġa' qalilhom.

"Sister Anne, li tgħallimna l-pjanu, tathielna," qaltlu Marisa.

"Mingħajr ma kitbet fuqha l-isem tal-kompożitur? U, fuq kollox, min hi Sister Anne?" Ħass bħal fawra ħafifa tiela' m'għonqu. "Kemm-il darba għidtilkom li huwa

importanti tkunu tafu l-isem tal-kompożitur tas-siltiet li ddoqqu."

"Aħna staqsejnieha," qabeż Etienne, " imma ma qaltilniex!" Sister Anne mhix brava daqs Mr Duncan, li kien jgħallimna qabel," ikkonkluda.

"Mhux veru *Dad*; brava ħafna!" merietu Marisa. "Hi taf li din serenata sabiħa u, billi għednielha li inti tħobb ħafna l-mużika, ħajritna nitgħallmuha għalik. Illejla ngħidulha li għoġbitek!"

"Għaliex illejla?" staqsiehom konfuż.

"Għax illejla għandna l-lezzjoni tal-pjanu u, lil Sister Anne, nistgħu ngħidulha li, sa fl-aħħar, irnexxielna ndoqquhielek."

"Sister Anne?"

"Li tgħallimna l-pjanu. Għandha paċenzja kbira, l-aktar b'Etienne, meta jibda jpaċpaċ flok idoqq," gżatu Marisa.

"Joqgħod ipaċpaċ? U fuq xiex ipaċpaċ?" ried jaf missierhom.

"Ma tafux biżżejjed int? Fuq kollox ipaċpaċ! Fuq il-programmi tat-*television*; fuqek; xi drabi fuq il-Mamà."

"U Sister Anne?"

"Dik tiggustah ipaċpaċ u qatt ma jdejjaqha filwaqt li jien ikolli aptit intajru!"

"Kollox sew; erġgħu ibdewha!" Sema' s-serenata mill-bidu. Bdewha u spiċċawha. Qalilhom li kienu bravi ħafna u, wara, kompla: "Għidu lin-nanna li jien sejjer dawra sal-wied!"

Dik id-dawra sal-wied kienet għal qalbu wisq. Hemm kien ikun fil-kwiet, waħdu; ħadd ma jħares lejh, ħadd ma jkellmu u ħadd ma jiffittah jew jagħtih pariri. Hemm, ommu u ħutu ma jistaqsuhx kif inhu u hu jkollu jisforza tweġiba mekkanika: "Tajjeb, inħossni tajjeb!" waqt li, għall-kuntrarju, kien jixtieq iwerżaq u jgħidilhom biex iħalluh bi kwietu! Dan kien il-prezz għoli li kellu jħallas biex ommu u ħutu jżommuh hemm u jieħdu ħsieb uliedu waqt li hu kien għadu mhux f'siktu. Bejn ikun jixtieq li xi ħadd jinteressa ruħu fih u bejn iħossu jiddejjaq meta xi ħadd jiffittah. Min seta' jifhmu? Lanqas hu stess ma seta' jifhem lilu nnifsu u, allura, ma kienx jippretendi li tifhmu ommu. Għal xi raġuni misterjuża, ommu, l-aktar bniedma li kienet tħobbu, kienet dik li, bħalissa, l-inqas li tifhmu; l-iktar li tirritah. Din kienet problema oħra għalih li ma ssogra jafdaha ma' ħadd. Min kien ser jifhem bniedem li kien konvint li hu mhux normali bħal bnedmin oħrajn? Hemm, fil-wied, ma jkellmu ħadd. Hemm l-aħjar! Kien igħid li, hemm isfel, isib lilu nnifsu.

Kultant, xi kelb mitluq jitħajjar jagħmel erba' passi miegħu imma, wara ftit, jerġa' jibdielu, qishom anki l-klieb jiskartaw il-kumpanija ta' min hu mdejjaq u ma jafx x'ser jagħmel bih innifsu. Miegħu, ħareġ is-sigaretti, għalkemm it-tabib wissieh kemm-il darba biex ma jpejjipx minħabba s-sogħla li ħakmitu dan l-aħħar. X'jafu dawn it-tobba? Din kienet biss sogħla nervuża u sigarett ma kienx ser jagħmillu ħsara; ma setax joqtlu. U, jekk imut, xi jkun ġara? Min ser iħoss in-nuqqas tiegħu? Uliedu? Kien hemm min jieħu ħsiebhom. Fil-but l-ieħor, kellu l-kalmanti li dejjem iġorr miegħu. Qatt ma ħassu li kellu bżonnhom daqs dak il-ħin. Forsi, jekk jibla' tnejn jew tlieta f'salt? Le, mhux għalissa. Riġlejh bdew jitqalu u ntasab ipejjep fuq ċint baxx tas-sejjieħ.

Wara ftit ħassu aħjar. Reġa' ħaseb fuq it-tfal, fuq il-mużika u beda jiftakar. Ħsibijietu taru lura daqs tletin sena qabel. Kien wasal għall-aħħar eżamijiet tal-pjanu. Kien jitgħallem għand is-Surmast Vella, ta' Ħal Balzan. Għal-lezzjoni, kienet tiġi wkoll Tessa, tfajla ftit iżgħar minnu. Kienu jiltaqgħu ftit qabel il-lezzjoni fi ġnien qrib, jistennew li jsir il-ħin għal-lezzjoni. Bla ma ftiehmu xejn, b'kumbinazzjoni, kull darba kienu jaslu dejjem aktar kmieni u ma damux ma ndunaw li kienet togħġobhom il-kumpanija ta' xulxin. Fil-bidu, kienu jitkellmu dwar il-mużika, imbagħad dwar il-ħajja, dwar ix-xewqat tagħhom u, forsi, għax il-kliem bħaċ-ċirasa, wara ftit, il-kliem waqa' fuq l-imħabba. U waqt li kienu jitkellmu dwar l-imħabba, kienu jinsew il-ħin tal-lezzjoni, ħaddejhom jimtlew bin-nar u qlubhom bix-xrar! Biesha l-ewwel darba taħt buganvilla u, biex jibqgħu jiftakru, kitbilha serenata bl-istess isem biex tindaqq minn żewġ pjanisti. Kienu jdoqquha flimkien!

Darba waħda, sieħbu ġennu biex imur miegħu, jippruvaw xortihom il-Kanada. Telaq. Wigħedha li ma jinsihiex, li jiktbilha, li jibgħat għaliha imma, sa ma żamm kelmtu, iltaqa' ma' Charisse. Tgħid x'kien sar minnha Tessa? Ma kinitx tip ta' tfajla li tidħol soru. Tfajliet sbieħ bħalha ma jaslu qatt biex jingħalqu wara erba' ħitan fejn ma jarahom ħadd, fejn ħadd ma jħobbhom. Imma, li kien qed jaħseb, jagħmel sens jew le? Hemm mijiet ta' sorijiet ħelwin fil-kunventi! Ma jistax ikun! Tessa u Sister Anne l-istess waħda, jew żewġ nisa differenti?

Mill-banda l-oħra, dik is-serenata kif waslet f'idejn uliedu? Minn fejn ġabitha Sister Anne? U għaliex Sister Anne xtaqet li hu jerġa' jiftakar f'dak iż-żmien ta' tletin sena qabel? Kien hemm xi messaġġ f'dan kollu?

Dam biċċa sew mitluf fil-ħsieb; ipejjep sigarett wara l-ieħor. L-aħħar wieħed li kellu f'idu ma spiċċahx; waqaf f'nofsu, ħares lejh u, ftit wara, bil-kalma kollha, għaffġu taħt riġlejh. Ma kienx jeħtieġ aktar sigarretti! Rama l-pakkett b'dawk li kien fadal ġo fih u tela' bil-qajla mill-wied. Bdiet nieżla n-nida u, minn kull xitla, bdiet ħierġa fwieħa mill-isbaħ. Mis-siġar, beda jasal l-għana tal-għasafar miġburin hemm geġwiġija.

"Tessa . . . Sister Anne . . . " tbissem. Id-dellijiet bdew jitwalu u Pierre laħaq ix-xemx ballun aħmar tistaħba wara s-siġar tal-għolja tal-Bidnija u tħalli warajha silwett ta' siġar u zkuk jitbewsu ma' sema dehbi. Baqa' jħares bi tbissima fuq wiċċu waqt li mill-bogħod sama' l-qniepen tal-kunvent tas-sorijiet idoqqu l-Ave Maria. Forsi; imma min jaf?



# TISLIBA Nru.113

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Donazzjonijiet; Għotjiet (6)
5. Biċċiet tad-drapp tal-ħasil jew tfarfir (6)
10. *Malta Employers' Association* (1. 1. 1)
12. Jew tal-injam jew tar-razza (5)
14. Li jiġi wara l-oħrajn kollha (5)
15. Insista; Baqa' jsus; Baqa' jfakkar (4)
16. Ħoss ta' mogħdrija; Tnehida ta' sogħba (2)
17. Dalwaqt; Kważi; Wasal biex (5)
19. Din ta' ħmar qatt ma waslet is-sema (5)
22. Tifrik ta' bastimenti f'maltempata (8)
24. Ġurdien iswed kbir bl-ingliż (3)
25. Dawn mill-Belt (6)
28. Li huma tal-bnedmin (5)
31. Sinna bil-ponta (5)
33. Taqrisa; Magħmula minn ġilda mrikkba (7)
35. Fender mingħajr l-erre (5)
37. Ikolli ngħid; Kun avżat (2)
38. Qasam art bejn Ħal-Qormi u tal-Ħandaq (6)
39. Ħaxixa li tittiekel insalata (5)

**Weqfin:**
2. Għamilha tal-… ; biex ma jħallas dwana (5)
3. Isem ta' mara jew nofs almanakk (4)
4. Dan xewwiexi; Jipprovoka (7)
6. Kabbar: Rawwem: Addotta (5)
7. Dan għas-sigaretti jew għal-pipa (6)
8. Munita antika: Id-destin ma tixtriħx (6)
9. Gemgmu: Ilmentaw (6)
11. Iva; Ħalli f'idi (3)
13. Qassam f'paġni; Issettja (7)
18. Akkordju; Kuntratt (4)
20. Invenzjonijiet tal-moħħ (7)
21. Tkellem; Fetaħ fommu; Esprima ruħu (3)
23. Kull min b'sengħa jirtokka/jirfina (9)
26. Nieħu ġurament (6)
27. Li jinsab biss fil-moħħ; Fl-art li tilef l-aħħar <te>! (6)
29. Hekk mar jagħmel lill-ħass tal-Marsa (6)
30. Dawn kattoliċi (6)
32. Anna mqassra (3)
34. Dan it-tifel tiegħek (5)
36. Bidel ir-rotta jew residenza (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 112 intrebħet mis-Sur Alf. Borg – Ħamrun, Prosit!

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 112**

**Mimdudin:** 1. kambja, 5. ċmajra, 10. rai, 12. serer, 14. ditta, 15. iris, 16. aa, 17. dotat, 19. invit, 22. tentatur, 24. eva, 25. platti, 28. editt, 31. tenur, 33. Fliexken, 35. żatat, 37. bi, 38. taħdit u 39. dinar.
**Weqfin:** 2. alibi, 3. bard, 4. abitant, 6. marid, 7. ardita, 8. avviżi, 9. bsaten, 11. aia, 13. retturi,
18. stat, 20. velenuż, 21. iva, 23. amerikani, 26. ipatti, 27. effett, 29. tenent, 30. statut, 32 rit, 34. kreta u 36. abt.





# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*

**Tal-Qaċċa**

Kif qegħdin naraw f'din is-sensiela ta' artikli, kbir huwa l-wirt li huma mogħnijin bih il-parroċċi tagħna! Illum xtaqt inhares lejn ix-Xagħra peress li għadha kemm iċċelebrat il-ħamsin anniversarju tal-ewwel inkoronazzjoni ta' vara titulari Għawdxija. Din hija kommunità mill-ikbar nett fil-gżira u minn tal-bidu wkoll. Il-fdalijiet preistoriċi, inkluż l-eqdem bini (teknikament, *free-standing*) li għadu jeżisti, jikkonfermaw l-importanza tal-ispiritwalità u r-reliġjożità sa minn żminijiet bikrija. Għax, għalkemm mhux l-istudjużi kollha jaqblu fid-dettall, il-Ġgantija kellha żgur funzjoni ta' kult filwaqt li siti oħrajn kienu oqbra. Imma nħoss li, tant kemm hu wiesa', l-aspett arkeoloġiku jixraqlu trattament separat.

Hemm ħafna x'jaraw il-Maltin u t-turisti. Nieqaf fil-Mitħna ta' Kola li, wara snin mitluqa, ġiet irranġata tant li saret attrazzjoni prinċipali. Infatti, ftit għad fadal imtieħen f'kundizzjoni aħjar f'pajjiżna.

Ix-Xagħra saret parroċċa fl-1688 u, għall-ewwel, intużat kappella (li oriġinat fis-seklu tlettax) dedikata lil Sant' Anton Abbati fl-inħawi magħrufin bħala tal-Qaċċa. Infatti, kif jikkonfermaw timbri postali sal-1920, ir-raħal kollu dam magħruf formalment bħala *Casal Caccia*. Ta' min jgħid li l-knisja eżistenti tal-eremita Sant' Anton Abbati hija tal-bidu tas-seklu għoxrin u tbiddlet bis-sħiħ fiż-żminijiet iktar reċenti. It-titular, pittura tal-Kanonku Salvatore Bondì, ifakkar il-pesta tal-1814 li wasslet għall-ħruq tal-kwadru ta' qabel biex, mingħalihom, jikkontrollaw l-imxija. Għadna naraw ukoll lil San Marzjal, pittura li nżammet minn kappella abbandunata lejn Għajn Lukin.



Knisja oħra Xagħrija taqdi l-ħtiġijiet tar-residenti fin-naħat Ta' Gajdoru. In-Nazzarenu kienet inizzjattiva tal-Arċipriet Ġużeppi Diacono, l-ewwel fundatur tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù, ta' Madre Margerita, mibnija fuq pjanti tiegħu stess tmenin sena ilu. Iktar reċenti, il-presbiterju kien ristrutturat skont kriterji liturġiċi ġodda simplifikati. Imma xorta nistgħu nammiraw xogħlijiet ta' żewġ artisti lokali magħrufin, Lazzru Pisani u Ġanni Vella.

Sa tmiem is-seklu sbatax, kienet diġà bdiet tinħass il-ħtieġa ta' iktar knejjes. Finalment, iż-żieda fil-popolazzjoni wasslet għall-bażilika preżenti, imbierka fl-1855 u konsagrata fl-1878 wara snin ta' kumplikazzjonijiet u ta' għajnuniet finanzjarji minn diversi personaġġi. Sa mill-1692, il-parroċċa kienet iddedikata lit-Twelid ta' Sidtna Marija u, għalhekk, l-istatwa titulari hija dik tal-Bambina. Dak iż-żmien, din kienet qamet mitt skud miġjubin fl-1878 mingħand *Gallard et Fils* ta' Marsilja. Din l-istatwa hija tassew gustuża u rikka l-istess bħal ħafna fided u oġġetti oħra li bihom huwa mgħammar dan it-tempju. Fl-1914, inġiebu minn Lecce sett vari għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Jekk nikkonċentraw fuq il-pittura, naraw id-dominanza tal-pittur Virginio Monti. Dan l-artist Ruman, x'aktarx ta' stil Purista, miet fl-1942 imma mhux qabel ma ddekora bosta binjiet, inklużi xi erba' knejjes f'pajjiżna. Sintendi, mhux waħdu! Fil-lista twila, insibu lil San Ġużepp ta' Giuseppe Bonnici, lill-Madonna tar-Rużarju ta' Rokku Buhagiar, lil San Pawl u San Lawrenz ta' Calì, il-Misteri tar-Rużarju ta' Francesco Zahra flimkien ma' għadd ta' kwadri Marjani. Imbagħad hemm ukoll irħamijiet u *stained glass* mill-isbaħ.

Inħossni konvint li s-sbuħija tal-arti madwarhom ressqet u ħeġġet lix-Xagħrin bir-riżultat ta' tant vokazzjonijiet u impenn lajk li hija raġuni oħra għala qed nagħti dil-ħarsa lejn din il-Kolleġġjata.

L-għaqdiet huma ferm ħajjin. Insemmi l-Azzjoni Kattolika li waslet kmieni hawnhekk. Infatti, nafu li, fi żmien l-Isqof Gonzi, kienu jeżistu l-ewwel gruppi fil-bidu tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Ta' min jinnota l-eżistenza ta' żewġ ċirkoli, jew ċentri, għalkemm wieħed ġie trasformat f'ċentru parrokkjali taż-żgħażagħ. Iċ-Ċirkolu preżenti huwa moqdi sew bil-ħtiġijiet kollha u għandu palk ferm attiv.

Nista' nkompli fuq organizzazzjonijiet oħrajn, ta' xejra spiritwali u mhumiex. Pereżempju, huma ħawtelin sew id-dilettanti tal-presepju u dan mhux biss matul ix-xahar ta' Diċembru. Imma ser nieqaf b'nota li jidhirli li hija pjuttost interessanti. Meta twaqqfu l-*Boy Scouts* f'dan ir-raħal, kienu meqjusin bħala *pro-British*, bħal donnu b'kuntrast mal-Azzjoni Kattolika li kienet meqjusa li xxaqleb lejn l-Italja. Effett pożittiv li ħalliet din il-kompetizzjoni (ġieli anki shuna) kien li armaw diversi gruppi mużikali li, iktar tard qabel il-Gwerra, servew bħala ż-żerriegħa għat-twaqqif tal-Banda soda li hemm preżentament u li, b'sodisfazzjon kbir, ngħid li, illum, din hija tax-Xagħjrin kollha.



# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*

**Alfred Sisley 1839 – 1899**

Alfred Sisley kien pittur Impressjonista tal-pajsaġġi per eċċellenza. Il-pittura tiegħu rari tittratta suġġetti oħrajn u, f'ħajja pjuttost qasira, irnexxielu jpitter mad-disa' mitt kwadru. Twieled Pariġi fit-30 t'Ottubru tal-1839 minn familja sinjura Ingliża u, għalkemm għex ħafna minn ħajtu fi Franza, Sisley baqa' jżomm in-nazzjonalitá Ingliża.

Fl-1857, meta kellu tmintax-il sena, Alfred intbagħat jistudja Londra bil-ħsieb li jaqbad karriera fin-negozju ta' missieru. Imma, fl-1861, abbanduna l-istudji, mar lura Pariġi, għamel ħbieb ma' Caude Monet u ma' Pierre-Auguste Renoir u bdew ipinġu barra fil-beraħ flimkien, iktar milli fl-i*studio*. Din kienet xi ħaġa ġdida għal dak iż-żmien u kienu jagħmluha biex jaqbdu l-effetti tad-dawl b'mod iktar realistiku. Dan wassal għal kwadri iktar ħajjin, iktar kuluriti, iktar vivaċi u iktar miftuħa milli l-pubbliku artistiku kien imdorri bih sa dak iż-żmien. Sisley kien l-iktar pittur Impressjonista konsistenti għax baqa' jpinġi barra għall-apert u ħalla lid-dinja artistika pajsaġġ wara pajsaġġ, wieħed isbaħ mill-ieħor.



Fl-1870, faqqgħet il-gwerra bejn Franza u l-Prussja u, bħala riżultat, in-negozju ta' missieru sfaxxa u Alfred Sisley issa ħtieġlu jiddependi fuq il-bejgħ tal-kwadri tiegħu biex ikun jista' jgħix. Infatti, tista' tgħid li għadda l-bqija ta' ħajtu fil-faqar għax kien biss wara mewtu li l-kwadri tiegħu kienu apprezzati għal dak li tassew huma u bdew iġibu flus kbar.

Naturalment, minbarra ħemel pajsaġġi mpittrin fi Franza, fejn kien jgħix, fost ix-xogħlijiet ta' Sisley, insibu wkoll għadd ta' pitturi tax-xmara *Thames*, l-iktar madwar *Hampton Court*, li huwa għamel fl-1874.



Interessanti ngħidu li l-pittura msejħa, *The Lane of Poplars at Moret,* insterqet tliet darbiet mill-mużew ta' Nizza. Darba fl-1978, meta kienet mislufa għall-esebizzjoni f'Marsilja u sabuha ftit jiem wara fil-kanali tad-dranaġġ; imbagħad fl-1998, meta l-kuratur tal-mużew kien misjub ħati tas-serqa u weħel ħames snin ħabs flimkien maż-żewġ kompliċi tiegħu; u, fl-aħħar, reġgħet insterqet f'Awwissu tas-sena 2007 u nstagħbet kważi sena wara ġo vann f'Pariġi flimkien ma' tliet kwadri oħra li wkoll kienu misruqin.

Fl-1898, sa fl-aħħar, Alfred Sisley applika għaċ-ċittadinanza Franċiża imma t-talba tiegħu kienet rifjutata. Huwa reġa' applika imma, sadakittant, marad u baqa' ċittadin Ingliż sal-aħħar ta' ħajtu. Alfred Sisley miet minn kanċer tal-gerżuma fid-29 ta' Jannar tal-1899 meta kien għad kellu biss disgħa u ħamsin sena.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha, (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għal aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem